

Brussell, 20 ta' Frar 2019
(OR. en)

6212/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0231(COD)**

CODEC 342	AGRILEG 35
MI 130	ANIMAUX 7
AGRI 75	SAN 75
PE 26	DENLEG 25
COMPET 127	PHYTOSAN 6
IND 47	SEMENCES 3
CONSOM 54	STATIS 16
JUSTCIV 49	ECOFIN 153
AGRIFIN 12	CADREFIN 83
VETER 13	IA 56

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 11 sal-14 ta' Frar 2019)

I. INTRODUZZJONI*

Ir-rapporteur, Nicola DANTI (S & D, IT), ippreżenta rapport dwar il-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur. Ir-rapport kien fih 149 emenda (l-emendi nru 1 sa 149) għall-proposta. Barra minn hekk, il-grupp politiku GUE/NGL ressaq 9 emendi (l-emendi nru 150 sa 158).

* L-iffommattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Frar 2019, il-plenarja adottat l-emendi 1 sa 149 għall-proposta għal Regolament. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni legiſlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Il-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi u għall-istatistika Ewropea *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826 (COM(2018)0441 – C8-0254/2018 – 2018/0231(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0441),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 168(4)(b) u l-Artikoli 114, 173 u 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0254/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Diċembru 2018³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat għall-Baġits (A8-0052/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Is-suq intern huwa pedament tal-Unjoni Ewropea. Sa mill-bidu tiegħu, kien kontributor ewlieni għat-tkabbir, għall-kompetittività u għall-impjegi. Huwa ġġenera opportunitajiet ġodda u ekonomiji ta' skala għan-negozji Ewropej, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u saħħaħ il-kompetittività industrijali tagħhom. Is-suq intern ikkontribwixxa għall-ħolqien ta' impjegi u offra għażla akbar bi prezzijiet orħos lill-konsumaturi. Qed ikompli jkun magna għall-bini ta' ekonomija aktar b'saħħhitha, aktar bilanċjata u aktar ġusta. Huwa waħda mill-akbar kisbiet tal-UE u l-aħjar assi tagħha f'dinja li kulma tmur qed tkun dejjem aktar globalizzata.

Emenda

(1) Is-suq intern huwa pedament tal-Unjoni Ewropea. Sa mill-bidu tiegħu, kien kontributor ewlieni għat-tkabbir, għall-kompetittività u għall-impjegi. Huwa ġġenera opportunitajiet ġodda u ekonomiji ta' skala għan-negozji Ewropej, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u saħħaħ il-kompetittività industrijali tagħhom, ***u jenħtieġ li jkompli jibbenefika liċ-ċittadini kollha b'mod ugwali.*** Is-suq intern ikkontribwixxa għall-ħolqien ta' impjegi u offra għażla akbar bi prezzijiet orħos lill-konsumaturi ***filwaqt li ggarantixxa kwalità għolja għall-prodotti u s-servizzi offruti.*** Qed ikompli jkun magna għall-bini ta' ***suq aktar intergrat u*** ekonomija aktar b'saħħhitha, aktar bilanċjata u aktar ġusta. Huwa waħda mill-akbar kisbiet tal-UE u l-aħjar assi tagħha f'dinja li kulma tmur qed tkun dejjem aktar globalizzata, ***kif ukoll hu element prinċipali sabiex tinkiseb it-trasformazzjoni f'ekonomija sostenibbli, effiċjenti fir-riżorsi u fl-enerġija sabiex tiġi indirizzata l-persjoni dejjem tiżdied tat-tibdil fil-klima.***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Is-suq intern irid kontinwament jadatta għal ambjent li jinbidel veloċement ta' rivoluzzjoni diġitali u globalizzazzjoni. Era ġdida ta' innovazzjoni diġitali tkompli

Emenda

(2) Is-suq intern irid kontinwament jadatta għal ambjent li jinbidel veloċement ta' rivoluzzjoni diġitali u globalizzazzjoni. Era ġdida ta' innovazzjoni diġitali tkompli

tippovdi opportunitajiet għan-negozji u għall-individwi, toħloq prodotti u mudelli ta' negozju ġodda iżda tikkostitwixxi wkoll sfida għar-regolamentazzjoni u għall-infurzar.

tippovdi opportunitajiet *u benefiċċji lill-ekonomija u l-ħajja ta' kuljum, speċjalment* għan-negozji u għall-individwi, toħloq prodotti u mudelli ta' negozju ġodda iżda tikkostitwixxi wkoll sfida għar-regolamentazzjoni u għall-infurzar *u għas-sikurezza u l-protezzjoni tal-konsumaturi.*

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-korp sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirfed il-funzjonament tas-suq intern. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-kompetittività, l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sorveljanza tas-suq u r-regolamentazzjoni tal-katina alimentari iżda wkoll regoli li jirrigwardaw tranżazzjonijiet tan-negozju, kummerċjali u finanzjarji u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta li tippovdi kundizzjonijiet ekwi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern.

Emenda

(3) Il-korp sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirfed il-funzjonament tas-suq intern. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-kompetittività, l-istandardizzazzjoni, *ir-rikonoxximent reċiproku* il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sorveljanza tas-suq u r-regolamentazzjoni tal-katina alimentari iżda wkoll regoli li jirrigwardaw tranżazzjonijiet tan-negozju, kummerċjali u finanzjarji u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta li tippovdi kundizzjonijiet ekwi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern *għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tan-negozji.*

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Madankollu għad fadal ostakli għall-funzjonament xieraq tas-suq intern *jew* qed jitfaċċaw *ostakoli* ġodda. L-istabbiliment tar-regoli huwa biss l-ewwel pass iżda li jirnexxielhom jaħdmu huwa daqstant

Emenda

(4) Madankollu, għad fadal ostakli *mhux ġustifikati, diskriminatorji u sproporzjonati* għall-funzjonament xieraq tas-suq intern *u* qed jitfaċċaw *ostakli* ġodda. L-istabbiliment tar-regoli huwa biss

importanti. Fl-aħħar mill-aħħar *din* hija kwistjoni ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni, fil-kapaċità tagħha li tagħti riżultati, u l-abbiltà tagħha li toħloq impjiegi u tkabbir filwaqt li tipproteġi l-interess pubbliku.

l-ewwel pass iżda li jirnexxielhom jaħdmu huwa daqstant importanti. *Infurzar inadegwat tar-regoli eżistenti, ostakli għall-moviment ħieles tal-prodotti u s-servizzi, u livelli baxxi ta' akkwist pubbliku transfruntier jillimitaw l-opportunitajiet għan-negozji u l-konsumaturi. Li jiġu indirizzati dawn l-ostakli*, fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni, fil-kapaċità tagħha li tagħti riżultati, u l-abbiltà tagħha li toħloq impjiegi *ta' kwalità* u tkabbir filwaqt li tipproteġi l-interess pubbliku.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Jeżistu bosta programmi għall-azzjoni tal-Unjoni bħalissa fl-oqsma tal-kompetittività tal-intrapriżi *inklużi l-SMEs*, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-klijenti u tal-utenti aħħarin fis-servizzi finanzjarji, it-tfassil tal-politika fis-servizzi finanzjarji u l-katina alimentari. Xi attivitajiet addizzjonali huma ffinanzjati direttament taħt il-linji baġitarji tas-suq intern. Huwa neċessarju li jiġu simplifikati u sfruttati s-sinerġiji bejn diversi azzjonijiet u jiġi previst qafas ta' finanzjament aktar flessibbli u aġli għall-finanzjament tal-attivitajiet li jimmiraw li jiksbu suq intern li jiffunzjona tajjeb *bl-aktar mod kosteffiċjenti*. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi stabbilit programm ġdid li jiġbor flimkien l-attivitajiet li qabel kienu ffinanzjati taħt daww il-programmi l-oħra u linji baġitarji oħra rilevanti. Jenħtieġ li l-Programm jinkludi wkoll inizjattivi ġodda li għandhom l-għan li jtejbju l-funzjonament tas-suq intern.

Emenda

(5) Jeżistu bosta programmi għall-azzjoni tal-Unjoni bħalissa fl-oqsma tal-kompetittività tal-intrapriżi, *speċjalment l-intrapriżi mikro, iżgħar u medji*, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-klijenti u tal-utenti aħħarin fis-servizzi finanzjarji, it-tfassil tal-politika fis-servizzi finanzjarji u l-katina alimentari. Xi attivitajiet addizzjonali huma ffinanzjati direttament taħt il-linji baġitarji tas-suq intern. Huwa neċessarju li jiġu simplifikati u sfruttati s-sinerġiji bejn diversi azzjonijiet u jiġi previst qafas ta' finanzjament aktar flessibbli, *trasparenti, simplifikat* u aġli għall-finanzjament tal-attivitajiet li jimmiraw li jiksbu suq intern li jiffunzjona tajjeb *u sostenibbli*. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi stabbilit programm ġdid li jiġbor flimkien l-attivitajiet li qabel kienu ffinanzjati taħt daww il-programmi l-oħra u linji baġitarji oħra rilevanti *li jisiltu lezzjonijiet mill-programmi li jeżistu*. Jenħtieġ li l-Programm jinkludi wkoll inizjattivi ġodda li għandhom l-għan li jtejbju l-funzjonament tas-suq intern, *iżda*

jenħtieġ li jiġu evitati duplikazzjoni ma' programmi u azzjonijiet relatati tal-Unjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea huma soġġetti għal Programm Statistiku Ewropew separat stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷. Sabiex tiġi provduta kontinwità tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, il-programm il-ġdid jenħtieġ li jinkludi wkoll l-attivitajiet koperti mill-Programm Statistiku Ewropew billi jiġi provdut qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea. Il-Programm jenħtieġ li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju għall-istatistika Ewropea biex tinħareġ statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar ***l-Ewropa*** sabiex ***tirfed it-tfassil***, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-UE.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

Emenda

(6) L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea huma soġġetti għal Programm Statistiku Ewropew separat stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷. Sabiex tiġi provduta kontinwità tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, il-programm il-ġdid jenħtieġ li jinkludi wkoll l-attivitajiet koperti mill-Programm Statistiku Ewropew ***eżistenti*** billi jiġi provdut qafas ***għall-ġbir tad-data kif ukoll għall-iżvilupp, il-produzzjoni, l-użu korrett, l-applikazzjoni*** u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea. Il-Programm ***il-ġdid*** jenħtieġ li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju għall-istatistika Ewropea biex tinħareġ statistika ***Ewropea*** ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli, ***anki*** dwar ***kwistjonijiet bħalma huma l-kummerċ u l-migrazzjoni***, sabiex ***jintridfu t-tfassil***, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-UE ***b'konformità mal-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit **Programm** għas-suq intern, **għall-kompetittività** tal-intrapriżi, **inkluż** l-intrapriżi mikro, **żgħar** u ta' daqs medju, u **għall-istatistika** Ewropea (il-"Programm"). Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal tul ta' żmien ta' seba' snin mill-2021 sal-2027.

Emenda

(7) Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit **il-Programm** għas-Suq **Uniku, biex jissaħħaħ is-suq intern u jitjieb il-funzjonament tiegħu, fl-oqsma tal-kompetittività u tas-sostenibbiltà** tal-intrapriżi, **speċjalment** l-intrapriżi mikro, **żgħar** u ta' daqs medju, **l-istandardizzazzjoni, is-sorveljanza tas-suq, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-katina tal-provvista tal-ikel u l-istatistika** Ewropea (il-"Programm"). Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal tul ta' żmien ta' seba' snin mill-2021 sal-2027.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirfed il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-**ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajbin biex jagħti s-setgħa lill-atturi kollha tas-suq intern: lin-negozji, liċ-ċittadini inklużi l-konsumaturi, lis-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi.** Għal dan l-għan, il-Programm jenħtieġ li jimmira li jiżgura **l-kompetittività** tan-negozji, b'mod partikolari **tal-SMEs**, iżda wkoll **li** jappoġġa l-infurzar tal-protezzjoni tal-konsumatur u r-regoli ta' sikurezza u jissensibilizza n-negozji u l-individwi billi jipprovdihom l-għodod ġusti, l-għarfien u l-kompetenza biex jagħmlu deċiżjonijiet

Emenda

(8) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirfed il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-**ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajbin biex jagħti s-setgħa lill-atturi kollha tas-suq intern: lin-negozji, liċ-ċittadini inklużi l-konsumaturi u l-impjegati, lis-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi.** Għal dan l-għan, il-Programm jenħtieġ li jimmira li jiżgura **kemm il-kompetittività u s-sostenibbiltà** tan-negozji, b'mod partikolari **tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju**, iżda wkoll **livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur billi** jappoġġa l-infurzar tal-protezzjoni tal-konsumatur u r-regoli ta' sikurezza, **kif**

informati u jsaħħaħ il-parteciġazzjoni tagħhom fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni regolatorja u amministrattiva, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki, il-bini ta' bażijiet ta' għarfien u kompetenza, inkluż l-użu tal-akkwist pubbliku strateġiku. Il-Programm jenħtieġ ukoll li jappoġġa l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja li jirfdu l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dan jinkludi wkoll l-iffissar ta' standards fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar, li jikkontribwixxu għat-trasparenza u l-funzjonament tajjeb tas-swieq tal-kapital tal-Unjoni u jtejbu l-protezzjoni tal-investitur. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa t-tfassil tar-regoli u l-iffissar ta' standards ukoll billi jiżgura l-involviment l-aktar wiesa' possibbli tal-partijiet ikkonċernati. L-objettiv tal-Programm jenħtieġ li jkun ukoll li jappoġġa l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tipprovdi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u t-titjib tal-benessri tal-annimali.

ukoll l-istandards ambjentali u soċjali u jissensibilizza n-negozji u l-individwi billi jipprovdihom l-għodod ġusti, **l-informazzjoni u l-assistenza xierqa**, l-għarfien u l-kompetenza biex jagħmlu deċiżjonijiet informati u jsaħħaħ il-parteciġazzjoni tagħhom fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni regolatorja u amministrattiva, b'mod partikolari permezz **tal-programmi ta' taħriġ**, tal-iskambju tal-aħjar prattiki, il-bini ta' bażijiet ta' għarfien u kompetenza, inkluż l-użu tal-akkwist pubbliku strateġiku. Il-Programm jenħtieġ ukoll li jappoġġa l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja li jirfdu l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dan jinkludi wkoll l-iffissar ta' standards fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar, li jikkontribwixxu għat-trasparenza u l-funzjonament tajjeb tas-swieq tal-kapital tal-Unjoni u jtejbu l-protezzjoni tal-investitur. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa t-tfassil tar-regoli u l-iffissar ta' standards ukoll billi jiżgura l-involviment l-aktar wiesa' possibbli tal-partijiet ikkonċernati. L-objettiv tal-Programm jenħtieġ li jkun ukoll li jappoġġa l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tipprovdi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u t-titjib tal-benessri tal-annimali.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Suq intern modern jippromwovi l-kompetizzjoni u huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi, għan-negozji u għall-impjegati. L-użu aħjar tas-suq intern għas-

Emenda

(9) Suq intern modern **li huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-ġustizzja, tat-trasparenza u tal-fiduċja reċiproka**, jippromwovi l-kompetizzjoni u huwa ta'

servizzi li dejjem jevolvi huwa mistenni li jgħin lin-negozji Ewropej joħlqu l-impjegi u jespandu lil hinn mill-fruntieri tagħhom, joffru għażla usa' ta' servizzi bi prezzijiet aħjar, filwaqt li jżommu standards għoljin għall-konsumaturi u l-ħaddiema. Biex **jiksbu** dan, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi **għat-tneħħija** tal-ostakli, u jiżgura **qafas** regolatorju **li** jista' jakkomoda mudelli ta' negozju innovattivi ġodda.

benefiċċju għall-konsumaturi, għan-negozji u għall-impjegati. L-użu aħjar tas-suq intern għas-servizzi li dejjem jevolvi huwa mistenni li jgħin lin-negozji Ewropej joħlqu l-impjegi u jespandu lil hinn mill-fruntieri tagħhom, joffru għażla usa' ta' servizzi bi prezzijiet aħjar, filwaqt li jżommu standards għoljin għall-konsumaturi u l-ħaddiema. Biex **jinkiseb** dan, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi **għal monitoraġġ aħjar tal-iżviluppi tas-suq intern, inkluż tal-impatt ta' żvilupp teknoloġiku ġdid, l-identifikazzjoni u t-tneħħija** tal-ostakli **mhux ġustifikati, diskriminatorji u sproporzjonati li fadal**, u jiżgura **li l-qafas** regolatorju jista' jakkomoda mudelli ta' negozju innovattivi ġodda, **inklużi mudelli ta' ekonomija kollaborattiva u intraprenditorija soċjali, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni soċjali, inkluż għall-impreditturi.**

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-ostakli regolatorji fuq is-suq intern tneħħew għal ħafna prodotti industrijali permezz ta' mekkaniżmi ta' prevenzjoni, l-adozzjoni ta' regoli komuni u, fejn ma jeżistux dawn it-tipi ta' regoli tal-Unjoni, permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. **Għal ċerti oqsma** fejn ma **teżistix** leġislazzjoni tal-Unjoni, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jfisser li **l-prodotti** li huma kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru jgawdu d-dritt tal-moviment liberu u jistgħu jinbiegħu fi Stat Membru ieħor. Iżda meta r-rikonoxximent reċiproku ma jiġix applikat kif xieraq, il-kumpaniji jsibuha ferm aktar diffiċli biex jaċċessaw is-swieq fi Stati Membri oħra. Minkejja l-

Emenda

(10) L-ostakli regolatorji fuq is-suq intern tneħħew għal ħafna prodotti industrijali permezz ta' mekkaniżmi ta' prevenzjoni, l-adozzjoni ta' regoli komuni u, fejn ma jeżistux dawn it-tipi ta' regoli tal-Unjoni, permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. **F'oqsma** fejn ma **teżisti l-ebda** leġislazzjoni tal-Unjoni, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jfisser li **l-oġġetti** li huma kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru jgawdu d-dritt tal-moviment liberu u jistgħu jinbiegħu fi Stat Membru ieħor, **sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkollux raġunijiet biex jopponi l-kummerċjalizzazzjoni tal-oġġetti, sakemm tali restrizzjoni ma tkunx diskriminatorja, ġustifikata minn objettivi leġittimi ta'**

livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq fil-qasam **tal-prodotti**, dan iwassal biex jintilfu l-opportunitajiet għall-ekonomija b'mod ġenerali. **Għaldaqstant**, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jtejjeb l-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-oġġetti u li jnaqqas l-għadd ta' oġġetti illegali u mhux konformi li jidħlu fis-suq.

interess pubbliku, kif stabbilit fl-Artikolu 36 tat-Trattat jew rikonoxxuta mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, u proporzjonata mal-għan mixtieq. Iżda meta r-rikonoxximent reċiproku ma jiġix applikat kif xieraq, **bħal restrizzjonijiet mhux ġustifikati jew sproportjonati**, il-kumpaniji jsibuha ferm aktar diffiċli biex jaċċessaw is-swieq fi Stati Membri oħra. Minkejja l-livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq fil-qasam **tal-oġġetti**, dan iwassal biex jintilfu l-opportunitajiet għall-ekonomija b'mod ġenerali. **Ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru xxx/2018 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku se tgħin biex tingħata spinta lill-benefiċċji ekonomiċi f'dan il-qasam.** Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jtejjeb l-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-oġġetti, **filwaqt li jirrealizza l-potenzjal sħiħ tiegħu** u li jnaqqas l-għadd ta' oġġetti illegali u mhux konformi li jidħlu fis-suq, **permezz ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ immirati, ta' appoġġ għall-Punti ta' Kuntatt għall-Prodotti u ta' kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet kompetenti għal rikonoxximent reċiproku u bit-tisħiħ tas-sorveljanza tas-suq.**

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-isfidi regolatorji u ta' infurzar ġodda huma relatati mat-tibdil rapidu fl-ambjent tar-rivoluzzjoni diġitali, fir-rigward ta' kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, l-Internet tal-Oġġetti jew l-Intelliġenza Artifiċjali. Jekk issir il-ħsara, ir-regoli stretti dwar is-sikurezza tal-prodotti u **r-responsabbiltà** għalihom huma essenzjali biex jiġi żgurat rispons politiku li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej, inkluż il-konsumaturi u n-negozji li jibbenefikaw

Emenda

(11) L-isfidi regolatorji u ta' infurzar ġodda huma relatati mat-tibdil rapidu fl-ambjent tar-rivoluzzjoni diġitali, fir-rigward ta' kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, **il-politika ta' privatezza u l-protezzjoni tad-data**, l-Internet tal-Oġġetti jew l-Intelliġenza Artifiċjali **u l-istandards etiċi relatati**. Jekk issir il-ħsara, ir-regoli stretti dwar is-sikurezza tal-prodotti u **ċ-ċarezza fir-rigward tar-responsabbiltà** għalihom, **kif ukoll ta' infurzar strett tar-regoli,**

minn regoli bħal dawn. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-adattament u l-infurzar **rapidi** tal-iskema ta' responsabbiltà għall-prodotti tal-Unjoni li trawwem l-innovazzjoni.

huma essenzjali biex jiġi żgurat rispons politiku li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej, inkluż il-konsumaturi u n-negozji li jibbenefikaw minn regoli bħal dawn. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-adattament **rapidu** u l-infurzar **aħjar** tal-iskema ta' responsabbiltà għall-prodotti tal-Unjoni li trawwem l-innovazzjoni, **filwaqt li jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-utenti**.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li mhumiex konformi mad-dritt tal-Unjoni **jqiegħed lil dawk li jikkonformaw fi żvantaġġ u jista' jipperikola** lill-konsumaturi. **Ħafna intraprendituri jinjoraw ir-regoli**, jew minħabba nuqqas ta' għarfien, jew apposta, biex jiksibu vantaġġ kompetittiv. Spiss l-awtoritajiet **ta' sorveljanza tas-suq** ma jkollhomx fondi biżżejjed u jkunu limitati mill-fruntieri nazzjonali, filwaqt li l-intraprendituri jinnegozjaw fil-livell tal-Unjoni jew saħansitra anki dinji. B'mod partikolari, fil-każ tal-kummerċ elettroniku, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibuha ferm diffiċli biex jittraċċaw prodotti mhux konformi li jiġu importati minn pajjiżi terzi **u** biex jidentifikaw l-entità responsabbli fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-konformità tal-prodotti billi jipprovdi **l-inċentivi t-tajba lill-intraprendituri**, isaħħaħ il-kontrolli tal-konformità u jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fost l-awtoritajiet tal-infurzar. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, iħeġġeġ azzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet **ta'**

Emenda

(12) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li mhumiex konformi mad-dritt tal-Unjoni **irrispettivament minn jekk dawn il-prodotti jitqegħdux fis-suq b'mezzi tradizzjonali jew elettroniċi** u **irrispettivament minn jekk jiġux prodotti fl-Unjoni jew jidħlu fiha minn pajjiżi terzi, iqiegħed liċ-ċittadini u** lill-konsumaturi **Ewropej f'riskju. L-operaturi ekonomiċi li jbigħu prodotti konformi jiffaċċjaw kompetizzjoni distorta minn dawk li ma jikkonformawx mar-regoli** jew minħabba nuqqas ta' għarfien, jew apposta, biex jiksibu vantaġġ kompetittiv. Spiss l-awtoritajiet **tas-sorveljanza tas-suq** ma jkollhomx fondi biżżejjed u jkunu limitati mill-fruntieri nazzjonali, filwaqt li l-intraprendituri jinnegozjaw fil-livell tal-Unjoni jew saħansitra anki dinji. B'mod partikolari, fil-każ tal-kummerċ elettroniku, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibuha ferm diffiċli biex jittraċċaw prodotti mhux konformi li jiġu importati minn pajjiżi terzi, biex jidentifikaw l-entità responsabbli fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom **jew biex iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju jew testijiet tas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' aċċess fiżiku għall-prodotti**. Għaldaqstant, il-Programm

sorveljanza tas-suq minn Stati Membri differenti, itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u jippromwovi l-konverġenza u integrazzjoni aktar mill-qrib tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq.

jenħtieġ li jsaħħaħ il-konformità tal-prodotti billi *jsaħħaħ is-sorveljanza tas-suq*, jipprovdi *regoli ċari, trasparenti u komprensivi lill-operaturi ekonomiċi, iqajjem kuxjenza dwar ir-regoli applikabbli tal-Unjoni*, isaħħaħ il-kontrolli tal-konformità, *inkluż permezz tal-użu sistematiku tal-kontrolli fuq il-kampjuni ta' prodotti li jirrappreżentaw perċentwali sinifikanti ta' kull tip ta' prodotti mqiegħda fis-suq u xiri simulat li jsir mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq kif ukoll* jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fost l-awtoritajiet tal-infurzar. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, iħeġġeġ azzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet *tas-sorveljanza tas-suq* minn Stati Membri differenti, itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u jippromwovi l-konverġenza u integrazzjoni aktar mill-qrib tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, *b'mod partikolari billi jiżgura li r-rekwiżiti ġodda introdotti mir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} jiġu implimentati b'mod strett sabiex jiġi evitat il-bejgħ ta' prodotti mhux konformi liċ-ċittadini Ewropej. Il-programm jenħtieġ li għalhekk isaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għal aktar omoġeneità bejn l-Istati Membri, li jibbenefikaw ugwalment mis-Suq Intern f'termini ta' prosperità ekonomika u tkabbir sostenibbli, filwaqt li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom b'mod imfassal apposta.*

^{1a} *Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-*

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Is-sikurezza tal-prodotti hija tħassib komuni. Il-korpi li jivvalutaw il-konformità jivverifikaw jekk il-prodotti jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-sikurezza qabel jitqiegħdu fis-suq. Għaldaqstant huwa importanti ferm li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu affidabbli u kompetenti. L-Unjoni daħħlet sistema ta' akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li tivverifika l-kompetenza, l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom. Issa l-isfida ewlenija hi li tinżamm is-sistema ta' akkreditament allinjata mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u li jkun żgurat li tiġi applikata bl-istess mod strett fl-Unjoni kollha. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-miżuri biex jiżgura li l-korpi li jivvalutaw il-konformità jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji u biex tissaħħaħ is-sistema ta' akkreditament Ewropea, b'mod partikolari foqasma ġodda tal-politika, billi tiġi appoġġata ***l-kooperazzjoni*** Ewropea għall-Akkreditament msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda

(13) Is-sikurezza tal-prodotti hija tħassib komuni. Il-korpi li jivvalutaw il-konformità jivverifikaw jekk il-prodotti jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-sikurezza qabel jitqiegħdu fis-suq. Għaldaqstant huwa importanti ferm li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu affidabbli u kompetenti. L-Unjoni daħħlet sistema ta' akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li tivverifika l-kompetenza, l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom. ***Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸ ġie implimentat b'ħafna modi differenti fil-livell nazzjonali. Dawn id-differenzi jikkonċernaw id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni interna fil-livell nazzjonali, il-livell ta' riżorsi finanzjarji allokatid-dedikati għas-sorveljanza tas-suq u l-istrategġiji u l-approċċi tas-sorveljanza tas-suq, kif ukoll is-setgħat fir-rigward ta' prodotti mhux konformi u l-livell ta' penali għal ksur, li jirriżultaw fl-infurzar frammentat tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni. Din il-frammentazzjoni wasslet biex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar rigoruża f'xi Stati Membri milli f'oħrajn, li potenzjalment iddgħajjef l-effett deterrenti tal-leġiżlazzjoni, fejn toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi bejn in-negozji f'xi Stati Membri u tirriżulta fi żbilanċi fil-livell ta' sikurezza tal-prodotti fl-Unjoni.*** Issa l-isfida ewlenija hi li tinżamm is-sistema ta' akkreditament allinjata mal-

ogħla livell ta' żvilupp tekniku u li jkun żgurat li tiġi applikata bl-istess mod strett fl-Unjoni kollha. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-miżuri biex jiżgura li l-korpi li jivvalutaw il-konformità jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji, **speċjalment bl-użu ta' valutazzjoni ta' parti terza bil-għan li jissaħħu l-proċeduri imparzjali u indipendenti** u biex tissaħħaħ is-sistema ta' akkreditament Ewropea, b'mod partikolari f'oqsma ġodda tal-politika, billi tiġi appoġġata **l-uniformità tal-kontrolli u tal-penali, kif ukoll il-kooperazzjoni** Ewropea għall-Akkreditament msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁴⁸ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

⁴⁸ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Barra minn hekk, peress li s-swieq tal-konsumaturi ma għandhomx fruntieri bl-iżvilupp tal-kummerċ online u s-servizzi tal-ivvjaġġar, huwa importanti li jkun żgurat li l-konsumaturi residenti fl-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni **adegwata** meta jimportaw oġġetti u servizzi mingħand operaturi ekonomiċi bbażati f'pajjiżi terzi. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jippermetti li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti li jinsabu f'pajjiżi terzi sħab

Emenda

(14) ***L-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku jista' joħloq ċerti kwistjonijiet rigward il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-utenti finali minn prodotti mhux konformi.*** Barra minn hekk, peress li s-swieq tal-konsumaturi ma għandhomx fruntieri bl-iżvilupp tal-kummerċ online u s-servizzi tal-ivvjaġġar, huwa importanti li jkun żgurat li l-konsumaturi residenti fl-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni ***ekwivalenti*** meta jimportaw oġġetti u servizzi mingħand operaturi ekonomiċi

kummerċjali ewlenin tal-Unjoni fejn meħtieġ.

bbażati f'pajjiżi terzi. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jippermetti li tiġi appoġġgata l-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti li jinsabu f'pajjiżi terzi sħab kummerċjali ewlenin tal-Unjoni fejn meħtieġ *fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar prodotti mhux konformi, dwar l-iżviluppi xjentifiċi reċenti u t-teknoloġiji ġodda, dwar ir-riskji emerġenti u dwar aspetti oħra relatati ma' attivitajiet tal-kontroll.*

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) L-akkwist pubbliku jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw valur għall-flejjes pubbliċi minfuqa u biex jikkontribwixxu għal suq intern aktar innovattiv, sostenibbli, inklużiv u kompetittiv. Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹, id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰ u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹ jipprovdu l-qafas legali għall-integrazzjoni u l-funzjonament effettiv tas-swieq tal-akkwist pubbliku li jirrappreżentaw 14 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet pubbliċi, tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini, inkluż l-konsumaturi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri li jiżguraw adożzjoni usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku, il-professjonalizzazzjoni ta' xerrejja pubbliċi, *aċċess imtejjeb* għas-swieq tal-akkwist għall-SMEs, aktar trasparenza, integrità u data mtejjba, it-titjib tat-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist u l-promozzjoni ta' akkwist konġunt, permezz tat-tiżbiġ tal-approċċ ta' sħubija mal-Istati Membri, it-titjib tal-ġbir tad-data u tal-

Emenda

(15) L-akkwist pubbliku jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw valur għall-flejjes pubbliċi minfuqa u biex jikkontribwixxu għal suq intern aktar innovattiv, sostenibbli, inklużiv u kompetittiv, *inkluż, fejn dan ikun konformi mal-liġi applikabbli tal-Unjoni, billi jiġu applikati kriterji oħrajn għajr sempliċement l-aktar prezz baxx jew il-kosteffettività, filwaqt li jiġiesu, fost oħrajn, aspetti kwalitattivi, ambjentali, ta' kummerċ ġust u soċjali u billi tiġi faċilitata d-diviżjoni tal-offerti f'lottijiet għal infrastruttura kbira.* Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹, id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰ u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹ jipprovdu l-qafas legali għall-integrazzjoni u l-funzjonament effettiv tas-swieq tal-akkwist pubbliku li jirrappreżentaw 14 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet pubbliċi, tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini, inkluż l-konsumaturi. *Ir-regoli tal-akkwist pubbliku implimentati b'mod korrett*

analiżi tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod tal-IT iddedikati, l-appoġġ għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin, l-għoti ta' gwida, it-tiftix ta' ftehimiet kummerċjali ta' benefiċċju, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u t-tnedija ta' proġetti pilota.

huma għodda kruċjali biex jissaħħaħ is-suq uniku u biex tingħata spinta lit-tkabbir tal-kumpaniji tal-Unjoni u l-impjiegi tal-Unjoni. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri li jiżguraw adozzjoni usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku, il-professjonalizzazzjoni ta' xerrejja pubbliċi, *sabiex jiġi ffaċilitat u mtejjeb l-aċċess għas-swieq tal-akkwist għall-SMEs u l-intrapriżi mikro, b'mod partikolari permezz ta' servizzi ta' konsulenza u taħriġ*, aktar trasparenza, integrità u data mtejjba, it-titjib tat-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist u l-promozzjoni ta' akkwist konġunt, permezz tat-tisħiħ tal-approċċ ta' sħubija mal-Istati Membri, it-titjib tal-ġbir tad-data u tal-analiżi tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod tal-IT iddedikati, l-appoġġ għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin, *ir-referenzjar tal-istandards Ewropej u internazzjonali*, l-għoti ta' gwida, it-tiftix ta' ftehimiet kummerċjali ta' benefiċċju, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u t-tnedija ta' proġetti pilota.

⁴⁹ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

⁵⁰ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁵¹ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

⁴⁹ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

⁵⁰ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁵¹ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm u biex jiġu ffaċilitati l-ħajjiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iridu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja ċċentrati fuq l-utent. Dan jimplika li l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkollhom jibdeu jaħdmu b'modi ġodda, iwaqqgħu s-sajlos bejn il-partijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tagħhom, u jinvolvu ruħhom fil-ħolqien konġunt ta' dawn is-servizzi pubbliċi maċ-ċittadini u man-negozji. Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa u kostanti tal-attivitajiet transfruntiera fis-suq intern tirrikjedi ***L-provvediment*** ta' informazzjoni aġġornata dwar id-drittijiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iżda wkoll informazzjoni li tispjega l-formalitajiet amministrattivi. Isir ukoll essenzjali li jingħataw pariri legali u għajjnuna biex jissolvew problemi li jinqalgħu bejn il-fruntieri. Minbarra dan, huwa meħtieġ li ssir konnessjoni sempliċi u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll li jiġi evalwat kif is-suq intern jaħdem fuq il-post. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-ġhodod eżistenti ta' governanza tas-suq intern, jiġifieri: il-Portal l-Ewropa Tiegħek li jenħtieġ li jkun is-sinla tal-Portal Diġitali Uniku li ġej, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex titjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u l-kapaċità tan-negozji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri.

Emenda

(16) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm u biex jiġu ffaċilitati l-ħajjiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iridu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja ċċentrati fuq l-utent, ***li jkunu dejjem iżjed diġitalment orjentati u aċċessibbli kompletament u l-isforzi tal-amministrazzjoni elettronika u tal-gvern elettroniku jridu jissaħħu aktar filwaqt li jiżguraw protezzjoni tad-data u tal-privatezza xierqa***. Dan jimplika li l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkollhom jibdeu jaħdmu b'modi ġodda ***u aktar innovattivi, sabiex*** iwaqqgħu s-sajlos bejn il-partijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tagħhom, u jinvolvu ruħhom fil-ħolqien konġunt ta' dawn is-servizzi pubbliċi maċ-ċittadini u man-negozji. Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa u kostanti tal-attivitajiet transfruntiera fis-suq intern tirrikjedi ***d-disponibbiltà*** ta' informazzjoni aġġornata, ***preċiża u faċli biex tinftiehem*** dwar id-drittijiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iżda wkoll informazzjoni li tispjega l-formalitajiet amministrattivi, ***kif ukoll li is-simplifikazzjoni tagħhom***. Isir ukoll essenzjali li jingħataw pariri legali u għajjnuna biex jissolvew problemi li jinqalgħu bejn il-fruntieri. Minbarra dan, huwa meħtieġ li ssir konnessjoni sempliċi u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, ***li tappoġġa l-awtoritajiet pubbliċi fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi***, kif ukoll li jiġi evalwat kif is-suq intern jaħdem fuq il-post. ***L-ġhodod ta' governanza tas-suq intern eżistenti diġà għandhom rwol importanti biex jagħmluha aktar faċli li jintlaħqu dawn l-objettivi. Għal dan il-għan, u sabiex jinżamm il-pass mal-iżviluppi tat-teknoloġija u tas-suq, kif ukoll mal-isfidi regolatorji u tal-infurzar il-ġodda, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa t-titjib tal-kwalità, il-viżibbiltà u t-trasparenza u tal-***

affidabilità tal-għodod ta' governanza tas-suq intern. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa, *fost oħrajn*, l-għodod eżistenti ta' governanza tas-suq intern, jiġifieri: il-Portal l-Ewropa Tiegħek li jenħtieġ li jkun is-sintra tal-Portal Diġitali Uniku li ġej, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex titjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u l-kapaċità tan-negozji li jinneozjaw bejn il-fruntieri.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-iżvilupp tal-qafas regolatorju tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt soċjetarju u l-governanza korporattiva, kif ukoll il-liġi kuntrattwali, bl-għan li *n-negozju jsir* aktar effiċjenti u *kompetittiv* filwaqt li tingħata protezzjoni lill-partijiet ikkonċernati affettwati mill-operazzjonijiet tal-kumpaniji, u li jkun hemm reazzjoni għall-isfidi ta' politiki emerġenti. Jenħtieġ ukoll li jiżgura evalwazzjoni, implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-acquis rilevanti, jinforma u jassisti lill-partijiet ikkonċernati u jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa aktar l-inizjattivi tal-Kummissjoni favur qafas legali ċar u adattat għall-ekonomija tad-data u għall-innovazzjoni. Dawk l-inizjattivi huma neċessarji biex tissaħħaħ iċ-ċertezza tad-dritt fir-rigward tal-liġi kuntrattwali u extra kuntrattwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà u l-etika fil-kuntest tat-teknoloġiji emerġenti, bħal pereżempju l-internet tal-oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, l-istampar 3D. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jiġi stimulat l-

Emenda

(17) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-iżvilupp tal-qafas regolatorju tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt soċjetarju u l-governanza korporattiva, kif ukoll il-liġi kuntrattwali, bl-għan li *n-negozji, speċjalment l-SMEs, isiru* aktar effiċjenti u *kompetittivi* filwaqt li tingħata protezzjoni lill-partijiet ikkonċernati affettwati mill-operazzjonijiet tal-kumpaniji, u li jkun hemm reazzjoni għall-isfidi ta' politiki emerġenti. Jenħtieġ ukoll li jiżgura evalwazzjoni, implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-acquis rilevanti, jinforma u jassisti lill-partijiet ikkonċernati u jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa aktar l-inizjattivi tal-Kummissjoni favur qafas legali ċar u adattat għall-ekonomija tad-data u għall-innovazzjoni. Dawk l-inizjattivi huma neċessarji biex tissaħħaħ iċ-ċertezza tad-dritt fir-rigward tal-liġi kuntrattwali u extra kuntrattwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà u l-etika fil-kuntest tat-teknoloġiji emerġenti, bħal pereżempju l-internet tal-oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, l-istampar 3D. Il-Programm jenħtieġ li jkollu

iżvilupp tan-negozju mmexxi mid-data, minħabba li dan se jkun deċiżiv għall-pożizzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni f'kompetizzjoni dinjija.

l-għan li jiġi stimulat l-iżvilupp tan-negozju mmexxi mid-data **filwaqt li jiġi żgurati livell għoli ta' protezzjoni tal-privatezza**, minħabba li dan se jkun deċiżiv għall-pożizzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni f'kompetizzjoni dinjija.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Peress li ***s-suq intern kif stipulat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni*** Ewropea jinkludi sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tkunx imxekkla, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni, ***in-netwerks u l-kooperazzjoni*** mal-awtoritajiet nazzjonali u l-qrati ***kif ukoll jilħaq grupp usa' ta' partijiet ikkonċernati fil-komunikazzjoni u l-isjegazzjoni tad-drittijiet, l-benefiċċji*** u l-obbligi tal-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Emenda

(20) Peress li ***t-Trattat*** dwar ***il-Funzjonament tal-Unjoni*** Ewropea jinkludi sistema ***ta' regoli*** li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tkunx imxekkla ***fis-suq intern***, il-Programm jenħtieġ li ***jikkontribwixxi biex*** jappoġġa l-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni, ***billi jtejjeb u jsaħħaħ il-kooperazzjoni man-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni*** u mal-awtoritajiet nazzjonali u l-qrati, ***inkluż billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali kif ukoll billi jkkomunika u jispjega d-drittijiet, il-benefiċċji*** u l-obbligi tal-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li l-Programm jgħin b'mod partikolari lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-analiżi u l-valutazzjoni tagħha tal-iżviluppi tas-suq, anke permezz ta' użu estensiv tal-inkjesti settorjali u permezz ta' kondivizzjoni sistematika tar-riżultati u tal-aħjar prattiki fi ħdan in-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni. Jenħtieġ li dan jikkontribwixxi għal kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi, ukoll fil-livell internazzjonali, u jagħti lin-negozji, partikolarment lill-SMEs, u lill-konsumaturi l-mezzi li bihom jiksbu l-benefiċċji tas-Suq Uniku.***

Emenda 19

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni

(21) B'mod partikolari l-Programm irid jindirizza l-implikazzjonijiet radikali għall-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-suq intern li jirriżultaw mit-trasformazzjoni kontinwa tal-ekonomija u tal-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari permezz tat-tkabbir esponenzjali u l-użu tad-data, waqt li jiġi kkunsidrat l-użu dejjem jikber tal-Intelliġenza Artifiċjali u ta' għodod oħrajn u l-għarfien espert tal-IT mill-kumpaniji u l-konsulenti tagħhom. Huwa wkoll essenzjali li l-Programm jappoġġa n-netwerks u ***l-kooperazzjoni*** mal-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri, minħabba li l-kompetizzjoni mhux imxekkla u l-funzjonament tas-suq intern jiddependu ferm mill-azzjoni ta' dawn l-entitajiet. Fid-dawl tar-rwol partikolari tal-politika dwar il-kompetizzjoni fil-prevenzjoni tal-ħsara lis-suq intern li tirriżulta mill-imġiba antikompetittiva lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, kif xieraq. Finalment, it-twessigħ tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni huwa meħtieġ sabiex jippermetti li aktar ċittadini u negozji jiksbu l-benefiċċji sħaħ ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Minħabba li għadd ta' inizjattivi fil-Programm huma ġodda u li l-parti tal-kompetizzjoni tal-Programm hija partikolarment affettwata mill-iżviluppi dinamiċi fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-Intelliġenza Artifiċjali, l-algoritmi, il-big data, iċ-ċibersigurtà u t-teknoloġija forensika, li l-pass u d-daqs tagħhom huma diffiċli li jiġu stmati, huwa antiċipat li se tkun meħtieġa flessibilità biex jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet li qed jevolvu taħt din il-parti tal-Programm.

Emenda

(21) B'mod partikolari l-Programm irid jindirizza l-implikazzjonijiet radikali għall-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-suq intern li jirriżultaw mit-trasformazzjoni kontinwa tal-ekonomija u tal-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari permezz tat-tkabbir esponenzjali u l-użu tad-data, waqt li jiġi kkunsidrat l-użu dejjem jikber tal-Intelliġenza Artifiċjali, ***il-big data u l-algoritmi*** u ta' għodod oħrajn u l-għarfien espert tal-IT mill-kumpaniji u l-konsulenti tagħhom. Huwa wkoll essenzjali li l-Programm jappoġġa n-netwerks u ***l-involvement usa' u aktar profund*** mal-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri, minħabba li l-kompetizzjoni mhux imxekkla u l-funzjonament tas-suq intern jiddependu ferm mill-azzjoni ta' dawn l-entitajiet. Fid-dawl tar-rwol partikolari tal-politika dwar il-kompetizzjoni fil-prevenzjoni tal-ħsara lis-suq intern li tirriżulta mill-imġiba antikompetittiva lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, kif xieraq. Finalment, it-twessigħ tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni huwa meħtieġ sabiex jippermetti li aktar ċittadini u negozji jiksbu l-benefiċċji sħaħ ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. ***B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jintwerew il-benefiċċji tanġibbli tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni liċ-ċittadini Ewropej permezz tal-involvement ma' gruppi tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati milquta b'mod dirett.*** Minħabba li għadd ta' inizjattivi fil-Programm huma ġodda u li l-parti tal-kompetizzjoni tal-Programm hija partikolarment affettwata mill-iżviluppi dinamiċi ***u rapidi*** fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern, l-aktar f'dak li jirrigwarda ***l-iżviluppi diġitali***, l-Intelliġenza Artifiċjali, l-algoritmi, il-big data, iċ-ċibersigurtà u t-teknoloġija forensika, li l-pass u d-daqs tagħhom huma

diffiċli li jiġu stmati, huwa antiċipat li se tkun meħtieġa flessibbiltà biex jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet li qed jevolvu taħt din il-parti tal-Programm.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Huwa importanti ferm li tissaħħaħ il-kompetittività ***tal-impriżi*** Ewropej waqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi effettivi u suq intern miftuħ u kompetittiv. L-SMEs huma l-mutur tal-ekonomija Ewropea li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-Ewropa, jipprovdu żewġ terzi tal-impjegi u jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-ħolqien ta' impjegi ġodda b'dimensjoni reġjonali u lokali.

Emenda

(22) Huwa importanti ferm li tissaħħaħ il-kompetittività ***u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi*** Ewropej waqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi effettivi u suq intern miftuħ u kompetittiv. L-SMEs huma l-mutur tal-ekonomija Ewropea li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-Ewropa, jipprovdu żewġ terzi tal-impjegi u jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-ħolqien ta' impjegi ġodda ***ta' kwalità fis-setturi kollha*** b'dimensjoni reġjonali u lokali, ***u għalhekk b'koeżjoni soċjali. L-SMEs huma strumentali biex tiġi segwita t-tranżizzjoni tal-enerġija u jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-Ftehim ta' Pariġi. Il-Programm jenħtieġ għalhekk li jtejjeb il-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw prodotti u servizzi ta' kwalità għolja u favur l-ambjent u li jappoġġa l-isforzi tagħhom biex iżidu l-effiċjenza fir-riżorsi, f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel". B'hekk, il-Programm jikkontribwixxi wkoll biex itejjeb il-kompetittività tal-SMEs tal-Unjoni fis-suq globali.***

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) L-SMEs jikkondividu sfidi komuni li ma jaffettwawx ditti akbar bl-istess mod biex jiksbu finanzjament, biex isibu forza tax-xogħol bl-aqwa ħiliet, biex itaffu l-piż amministrattiv, biex jadottaw il-kreattività u l-innovazzjoni, biex jaċċessaw is-swieq u biex irawmu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. Jenħtieġ li l-Programm jindirizza t-tali **fallimenti** tas-suq b'mod proporzjonat, filwaqt li ma jfjixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla bżonn.

Emenda

(23) L-SMEs jikkondividu sfidi komuni li ma jaffettwawx ditti akbar bl-istess mod biex jiksbu finanzjament, biex isibu forza tax-xogħol bl-aqwa ħiliet, biex itaffu l-piż amministrattiv, biex jadottaw il-kreattività u l-innovazzjoni, biex jaċċessaw is-swieq u biex irawmu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. Jenħtieġ li l-Programm jindirizza t-tali **nuqqasijiet** tas-suq b'mod proporzjonat, filwaqt li ma jfjixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla bżonn. ***B'mod partikolari, il-programm jenħtieġ li joħloq kundizzjonijiet xierqa biex tiġi introdotta l-innovazzjoni teknoloġika u organizzattiva fil-proċessi ta' produzzjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni lil forom speċifiċi ta' SMEs bħal mikrointrapriżi, intrapriżi involuti f'attivitajiet artiġjanali, dawk li jaħdmu għal rashom, professjonijiet liberali u intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni lil intraprendituri potenzjali, ġodda, żgħażaġh u nisa, kif ukoll lil gruppi fil-mira speċifiċi oħra, bħall-anzjani, il-migranti u l-intraprendituri li jappartjenu għal gruppi soċjalment żvantaġġati jew vulnerabbli bħall-persuni b'diżabbiltà.***

Emenda 22

**Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23a) Il-programm jenħtieġ li jappoġġa u jippromwovi kultura tal-innovazzjoni, filwaqt li jiżviluppa ekosistema li tkun kapaċi tiffavorixxi l-ħolqien u t-tkabbir tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u l-SMEs innovattivi li

jkunu kapaċi jappoġġaw l-isfidi ta' ambjent dejjem aktar kompetittiv u mgħaġġel. Il-bidla kbira fil-proċessi tal-innovazzjoni teħtieġ l-iżvilupp ta' mudell ta' innovazzjoni miftuħ biż-żieda tar-riċerka kollaborattiva u tal-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-proprjetà intellettuali bejn organizzazzjonijiet differenti. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jappoġġa l-proċess tal-innovazzjoni li jinkorpora mudelli kummerċjali kollaborattivi ġodda ċċentrati fuq l-iżvilupp tan-netwerks u fuq l-integrazzjoni tal-għarfien u tar-riżorsi fi ħdan il-komunitajiet interorganizzattivi.

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Premessa 23b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23b) Il-Programm jenħtieġ li jindirizza dawn in-nuqqasijiet tas-suq b'mod proporzjonat, filwaqt li jagħti attenzjoni speċjali lill-azzjonijiet li huma ta' benefiċċju dirett għall-SMEs u għan-netwerks tal-intrapriżi, u filwaqt li ma jfixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla bżonn.

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Premessa 24**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24) Ħafna mill-problemi tal-kompetittività tal-Unjoni jinvolvu diffikultajiet tal-SMEs biex jiksbu l-aċċess għall-finanzi minħabba li jitħabtu biex juru

(24) Ħafna mill-problemi tal-kompetittività tal-Unjoni jinvolvu diffikultajiet tal-SMEs biex jiksbu l-aċċess għall-finanzi minħabba li ***jkollhom nuqqas***

l-valur tal-kreditu tagħhom **u** ma jkollhomx biżżejjed kollateral. Sfdi addizzjonali ta' finanzjament jirriżultaw mill-ħtieġa tal-SMEs li jibqgħu kompetittivi billi jinvolvu ruħhom eż. fl-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni, internazzjonalizzazzjoni u innovazzjoni u jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom. L-aċċess limitat għall-finanzjament għandu effett negattiv fuq il-ħolqien, it-tkabbir u r-rati ta' sopravivenza tan-negozji, kif ukoll fuq ir-rieda ta' intraprendituri ġodda li jidħlu responsabbli għal kumpaniji vijabbli fil-kuntest ta' suċċessjoni ta' negozju.

ta' informazzjoni, jitħabtu biex juru l-valur tal-kreditu tagħhom, ma jkollhomx biżżejjed kollateral **jew sempliċement minħabba li jkollhom ftit għarfien dwar mekkaniżmi eżistenti li jappoġġaw l-attivitajiet tagħhom fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali jew lokali**. Sfdi addizzjonali ta' finanzjament jirriżultaw **mid-daqs iżgħar tal-intrapriżi mikro u** mill-ħtieġa tal-SMEs li jibqgħu kompetittivi billi jinvolvu ruħhom eż. fl-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni, internazzjonalizzazzjoni u innovazzjoni u jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom. L-aċċess limitat għall-finanzjament għandu effett negattiv fuq il-ħolqien, it-tkabbir u r-rati ta' sopravivenza tan-negozji, kif ukoll fuq ir-rieda ta' intraprendituri ġodda li jidħlu responsabbli għal kumpaniji vijabbli fil-kuntest ta' suċċessjoni ta' negozju.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Sabiex jingħelbu dawn **il-fallimenti** tas-suq u biex **tiġi** żgurat li l-SMEs ikomplu jaqdu r-rwol tagħhom bħala l-pedament tal-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jeħtieġu aktar appoġġ permezz ta' strumenti ta' dejn u ta' ekwità li jridu jiġu stabbiliti taħt it-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU stabbilit fir-Regolament [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵². Il-faċilità tal-garanzija għal self **stabbilita fir-Regolament** (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³ uriet li għandha valur miżjud u hija mistennija li tagħti kontribut pożittiv għal mill-inqas 500 000 SME; se jiġi stabbilit suċċessur taħt it-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU.

Emenda

(25) Sabiex jingħelbu dawn **in-nuqasijiet** tas-suq u biex **jiġi** żgurat li l-SMEs ikomplu jaqdu r-rwol tagħhom bħala l-pedament tal-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, **u bħala xprunatur għal ekonomija sostenibbli**, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jeħtieġu aktar appoġġ permezz ta' strumenti ta' dejn u ta' ekwità li jridu jiġu stabbiliti taħt it-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU stabbilit fir-Regolament [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵². Il-faċilità tal-garanzija għal self **skont il-programm COSME stabbilit bir-Regolament** (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³ uriet li għandha valur miżjud u hija mistennija li tagħti kontribut pożittiv għal mill-inqas 500 000 SME; se jiġi stabbilit suċċessur taħt it-tieqa għall-SMEs tal-Fond

InvestEU. *Jenħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lil komunikazzjoni aħjar u lill-kampanji pubbliċi sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni għal benefiċjarji potenzjali dwar id-disponibbiltà tal-Programm għall-SMEs. Biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet tal-Unjoni li jappoġġaw l-SMEs, l-azzjonijiet li huma kompletament jew parzjalment iffinanzjati minn dan il-Programm, inklużi l-intermedjarji, jenħtieġ li jinkorporaw l-emblema Ewropea (il-bandiera) assoċjata ma' sentenza li tirrikonoxxi l-appoġġ riċevut minn dan il-Programm.*

⁵² COM(2018)0439 finali

⁵³ Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 - 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

⁵² COM(2018)0439 finali

⁵³ Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 - 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) L-objettivi ta' politika ta' dan il-Programm se jiġu indirizzati wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja bħala parti mit-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU. L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jintuża sabiex nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment mhux ottimali jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, filwaqt li l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jiddupplikawx jew ma jeskludux il-finanzjament privat, jew

Emenda

(26) L-objettivi ta' politika ta' dan il-Programm se jiġu indirizzati wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja bħala parti mit-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU. ***It-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU jenħtieġ li jkollha punt ġenerali ċentrali li jipprovdi informazzjoni dwar il-Programm f'kull Stat Membru, sabiex jiżdiedu l-aċċessibbiltà u s-sensibilizzazzjoni dwar il-fondi għall-SMEs.*** L-appoġġ finanzjarju

ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

jenħtieġ li jintuża sabiex nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, filwaqt li l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jiddupplikawx jew ma jeskludux il-finanzjament privat, jew ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern, ***u jenħtieġ li b'mod ċar joffri addizzjonalità u jtejjeb is-sinerġiji mal-programmi Ewropej l-oħra.*** L-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) L-azzjonijiet appoġġati mill-Fond InvestEU permezz tal-industrija tal-UE jew l-industrija tal-Istati Membri jenħtieġ li ma jiddupplikawx il-finanzjamenti privati jew jissostitwixxuhom, u lanqas ma għandhom ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern iżda, b'referenza għall-iskemi ta' garanzija pubbliċi u privati lokali li diġà huma stabbiliti, għandhom jiffavorixxu l-integrazzjoni ma' dawn is-sistemi bil-għan prinċipali li jsaħħu u jżidu l-benefiċċji reali għar-riċevituri finali, li huma l-SMEs fir-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, bil-għan li jkun hemm addizzjonalità reali tal-interventi.

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 26b (ġdida)

(26b) Minbarra l-aċċess għall-finanzjament, l-aċċess għall-ħiliet huwa kruċjali wkoll, fosthom il-ħiliet maniġerjali u l-għarfien huma fatturi kritiċi għall-SMEs biex jaċċessaw fondi eżistenti, jinnovaw, jikkompetu u jikbru. Għalhekk, it-twassil ta' strumenti finanzjarji kif previst taħt il-Fond InvestEU jenħtieġ li jkun akkumpanjat mill-iżvilupp ta' skemi xierqa ta' mentoraġġ u ta' kkwocjar u bl-għoti ta' servizzi kummerċjali bbażati fuq l-għarfien.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 27

(27) Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ effettiv għall-SMEs tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Jenħtieġ li jibni fuq l-għarfien u l-kompetenza esperta uniċi żviluppati fir-rigward tal-SMEs u s-setturi **industrijali** u fuq esperjenza twila ta' ħidma ma' partijiet ikkonċernati Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jibni fuq l-esperjenza **ta' suċċess** tan-Netwerk Enterprise Europe bħala punt uniku ta' servizz biex tittejjeb il-kompetittività tal-SMEs u jiġi żviluppat in-negozju tagħhom fis-Suq Uniku u lil hinn minnu. In-Netwerk qed jippjana li jkompli jagħti servizzi fisem programmi oħra tal-Unjoni bħall-programm Orizzont 2020, permezz tar-riżorsi finanzjarji ta' dawn il-programmi. L-iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda jenħtieġ li tibqa' l-għodda **biex** tgħin lill-intraprendituri ġodda jew aspiranti jiksbu esperjenza ta' negożju

(27) Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ effettiv għall-SMEs tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, **jipprovdi assistenza li tvarja mit-tħejjija tal-proġetti għall-kummerċjalizzazzjoni u l-aċċess għas-suq, u jħeġġeġ il-ħolqien ta' netwerks tal-intrapriżi**. Jenħtieġ li jibni fuq l-għarfien u l-kompetenza esperta uniċi żviluppati fir-rigward tal-SMEs u s-setturi **ekonomiċi u intraprenditorjali** u fuq esperjenza twila ta' ħidma ma' partijiet ikkonċernati Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jibni fuq l-esperjenza tan-Netwerk Enterprise Europe bħala punt uniku ta' servizz biex tittejjeb il-kompetittività tal-SMEs u jiġi żviluppat in-negozju tagħhom fis-Suq Uniku u lil hinn minnu. In-Netwerk qed jippjana li jkompli jagħti servizzi fisem programmi oħra tal-Unjoni bħall-programm Orizzont 2020, permezz tar-riżorsi finanzjarji ta' dawn il-

billi tlaqqagħhom ma' intraprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor u b'hekk tippermettilhom isaħħu t-talenti intraprenditorjali tagħhom. Il-Programm jenħtieġ li ***jkompli jagħmel ħiltu biex*** jikber u jestendi l-kopertura ġeografika tiegħu u b'hekk joffri firxa usa' ta' possibilitajiet ta' tqabbil lill-intraprendituri f'komplementarjetà ma inizjattivi oħra tal-Unjoni fejn rilevanti.

programmi. ***Dan għandu jappoġġa wkoll parteċipazzjoni msaħħa tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs fl-iżvilupp tal-inizjattivi ta' Politika tas-Suq Uniku, bħall-akkwist pubbliku, il-proċessi ta' standardizzazzjoni u l-iskemi ta' proprjetà intellettuali. In-Netwerk jenħtieġ li jżid ukoll l-għadd ta' azzjonijiet, filwaqt li jipprovdi pariri aktar immirati lejn l-SMEs, fl-abbozzar tal-proġetti u l-appoġġ għan-netwerking u t-tranżizzjoni teknoloġika u organizzattiva. In-Netwerk jenħtieġ li jtejjeb ukoll il-kooperazzjoni u l-kollegament ma' Ċentri ta' Konsulenza oħra stabbiliti fil-programm Diġitali u l-Fond InvestEU fir-rigward tal-aċċess għall-finanzi. L-azzjonijiet għall-SMEs fin-Netwerk jenħtieġ li jkollhom l-għan ukoll li jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja madwar l-Ewropa, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari għal oqsma ta' attivitajiet u partijiet ġeografiċi tal-Unjoni fejn in-Netwerks u l-partijiet ikkonċernati intermedjarji ma jiksbox ir-riżultati mistennija. L-iskema ta' mentoraġġ ta' suċċess għall-intraprendituri ġodda - Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażaġħ - jenħtieġ li tibqa' l-għodda li tgħin lill-intraprendituri ġodda jew aspiranti jiksbox esperjenza ta' negozju u manijerjali billi tlaqqagħhom ma' intraprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor u b'hekk tippermettilhom isaħħu t-talenti intraprenditorjali tagħhom. Il-Programm jenħtieġ li jikber u jestendi l-kopertura ġeografika tiegħu u b'hekk joffri firxa usa' ta' possibilitajiet ta' tqabbil lill-intraprendituri f'komplementarjetà ma inizjattivi oħra tal-Unjoni fejn rilevanti. Sabiex jiżjed il-valur miżjud mill-promozzjoni ta' inizjattivi tal-intraprenditorija, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-intraprendituri tal-intrapriżi mikro u għal dawk li jkunu bbenefikaw l-anqas mill-programm eżistenti, u fejn il-kultura tal-intraprenditorija għadha f'livell bażiku ħafna u tiffaċċja aktar ostakli. Jenħtieġ li jsir kull sforz biex tinkiseb distribuzzjoni***

tal-fondi ġeografikament u raġonevolment ibbilanċjata.

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Jenħtieġ li jsir aktar sforz biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u biex tiżdied l-aċċessibbiltà tal-programmi sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż li jiffaċċjaw l-SMEs u l-intrapriżi mikro minħabba l-proċess ta' applikazzjoni kkumplikat u r-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu wkoll li jistabbilixxu punt uniku ta' informazzjoni għall-intrapriżi interessati li jużaw fondi tal-Unjoni, li jiffunzjona bħala punt uniku ta' servizz. Il-proċedura ta' evalwazzjoni jenħtieġ li tkun sempliċi u rapida kemm jista' jkun sabiex ikun jista' jsir użu f'waqtu tal-benefiċċji li joffri l-Programm.

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Premessa 28**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Ir-raggruppamenti huma għodda strateġika għall-appoġġ tal-kompetittività u t-tkabbir tal-SMEs minħabba li joffru ambjenti tan-negozju favorevoli. L-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti jenħtieġ li jiksbu massa kritika biex jitħaffef it-tkabbir tal-SMEs. Permezz tal-konnessjoni ta' ekosistemi speċjalizzati, ir-raggruppamenti jgħolqu opportunitajiet

(28) Ir-raggruppamenti huma għodda strateġika għall-appoġġ tal-kompetittività u t-tkabbir tal-SMEs minħabba li joffru ambjenti tan-negozju favorevoli, ***iżidu l-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli tal-industrija u tas-servizzi u jsaħħu l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni bil-ħolqien ta' impjiegi.*** L-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti jenħtieġ li

tan-negozju ġodda għall-SMEs u jintegrawhom aħjar fil-ktajjen ta' valur strateġiċi Ewropej u dinjija. Jenħtieġ li jiġi provdut appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' sħubija transnazzjonali u għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti, appoġġati mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti. Jenħtieġ li titħeġġeġ is-sħubija sostenibbli b'finanzjament kontinwu jekk jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni u parteċipazzjoni. L-appoġġ dirett għall-SMEs jenħtieġ li jgħaddi mill-organizzazzjonijiet tar-raggruppamenti għal dan li ġej: l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, mudelli ta' negozju ġodda, soluzzjonijiet ***b'użu baxx ta' karbonju u użu effiċjenti tar-riżorsi***, il-kreattività u t-ffossil, l-aġġornament tal-ħiliet, l-attrazzjoni tat-talent, l-aċċellerazzjoni tal-intraprenditorija u l-internazzjonalizzazzjoni. Atturi ta' appoġġ għall-SMEs speċjalizzati oħra jenħtieġ li jiġu assoċjati biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni industrijali u l-implimentazzjonijiet ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi ***għat-tkabbir*** u jibni rabtiet maċ-ċentri ta' innovazzjoni (diġitali) tal-Unjoni u mal-investimenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni u Orizzont Ewropa. Jistgħu wkoll jiġu esplorati s-sinerġiji mal-programm Erasmus.

jiksbu massa kritika biex jitħaffef it-tkabbir tal-SMEs. Permezz tal-konnessjoni ta' ekosistemi speċjalizzati, ir-raggruppamenti joħolqu opportunitajiet tan-negozju ġodda għall-SMEs u jintegrawhom aħjar fil-ktajjen ta' valur strateġiċi Ewropej u dinjija. Jenħtieġ li jiġi provdut appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' sħubija transnazzjonali u għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti, appoġġati mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti. Jenħtieġ li titħeġġeġ is-sħubija sostenibbli b'finanzjament kontinwu jekk jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni u parteċipazzjoni. L-appoġġ dirett għall-SMEs jenħtieġ li jgħaddi mill-organizzazzjonijiet tar-raggruppamenti għal dan li ġej: l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, mudelli ta' negozju ġodda, soluzzjonijiet, il-kreattività u t-ffossil, l-aġġornament tal-ħiliet, l-attrazzjoni tat-talent, l-aċċellerazzjoni tal-intraprenditorija u l-internazzjonalizzazzjoni. Atturi ta' appoġġ għall-SMEs speċjalizzati oħra jenħtieġ li jiġu assoċjati biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni industrijali u l-implimentazzjonijiet ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi ***għal żvilupp ekonomiku sostenibbli*** u jibni rabtiet maċ-ċentri ta' innovazzjoni (diġitali) tal-Unjoni u mal-investimenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni u Orizzont Ewropa. Jistgħu wkoll jiġu esplorati s-sinerġiji mal-programm Erasmus.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28a) Il-Programm jista' jikkontribwixxi biex iżid u/jew itejjeb ir-relazzjoni bejn

intrapriżi mikro, iżgħar u medji ma' Universitajiet, ċentri ta' riċerka u istituzzjonijiet oħra relatati mal-ħolqien u t-tixrid tal-għarfien. Din il-konnessjoni tista' tgħin biex ittejjeb il-kapaċitajiet tal-intrapriżi li jindirizzaw l-isfidi strateġiċi li johlq l-ambjent internazzjonali l-ġdid.

Emenda 33

**Proposta għal regolament
Premessa 28b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28b) L-SMEs, minħabba d-daqs iżgħar tagħhom, iħabbtu wiċċhom ma' ostakli speċifiċi għat- tkabbir u għandhom diffikultajiet kbar biex ikabbru u jiżviluppaw xi wħud mill-attivitajiet kummerċjali tagħhom. L-Unjoni ilha tipprovdi appoġġ biex jiżdedu l-attivitajiet li jiffukaw fuq l-innovazzjoni fir-riċerka, prinċipalment permezz tal-Istrument għall-SMEs u l-proġett pilota reċenti tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni fi ħdan il-programm Orizzont 2020. Abbażi tal-metodi ta' ħidma u l-esperjenzi tal-Istrument għall-SMEs, il-Programm tas-Suq Uniku jenħtieġ li jipprovdi wkoll appoġġ għal attivitajiet ta' espansjoni mill-SMEs li jikkumplementaw l-EIC il-ġdid bl-enfasi speċifika tiegħu fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja taħt Orizzont Ewropa. L-azzjonijiet ta' espansjoni għall-SMEs taħt dan il-programm għandhom jiffukaw, pereżempju, fuq l-għajnuna permezz tal-kummerċjalizzazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni u l-opportunitajiet immexxija mis-suq.

**Emenda 34
Proposta għal regolament Premessa 29**

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Il-kreattività u l-innovazzjoni huma kruċjali għall-kompetittività tal-ktajjen tal-valur industrijali tal-Unjoni. Dawn jirrappreżentaw katalizzaturi għall-modernizzazzjoni **industrijali** u jikkontribwixxu għat-tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli. Madankollu, l-adozzjoni mill-SMEs għadha lura. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-azzjonijiet immirati, in-netwerks u s-sħubiji għall-innovazzjoni mmexxija mill-kreattività tul il-katina tal-valur industrijali.

Emenda

(29) Il-kreattività u l-innovazzjoni, **it-trasformazzjoni teknoloġika u organizzattiva, is-sostenibbiltà msaħħa f'termini tal-proċessi tal-produzzjoni, b'mod partikolari l-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija**, huma kruċjali għall-kompetittività tal-ktajjen tal-valur industrijali tal-Unjoni. Dawn jirrappreżentaw katalizzaturi għall-modernizzazzjoni **tas-setturi tan-negoġji u tal-industrija** u jikkontribwixxu għat-tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli. Madankollu, l-adozzjoni mill-SMEs għadha lura. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-azzjonijiet immirati, in-netwerks u s-sħubiji għall-innovazzjoni mmexxija mill-kreattività tul il-katina tal-valur industrijali.

Emenda 35

**Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

(29a) Jirrikonoxxi li l-Istrument għall-SMEs taħt l-Orizzont 2020 kellu suċċess kbir għall-intraprendituri kemm fl-għotjiet tal-fażi 1 kif ukoll f'dawk tal-fażi 2 biex javvanzaw l-idea kummerċjali ġdida tagħhom u biex jittestjaw u jiżviluppaw prototip. Filwaqt li l-proċess tal-għażla huwa diġà rigoruż ħafna, xorta waħda għadd kbir ta' proġetti tajbin ħafna ma jistgħux jiġu ffinanzjati minħabba riżorsi finanzjarji limitati. L-implimentazzjoni fil-qafas tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME) kienet qiegħda taħdem b'mod effiċjenti ħafna. Filwaqt li l-fokus ta' dak il-programm huwa fuq proġetti

Emenda

b'teknoloġija avvanzata, dan il-Programm jenħtieġ li jestendi l-metodoloġija għal kwalunkwe tip ta' SME li qed tespandi.

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Premessa 29b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(29b) L-azzjonijiet għall-SMEs jenħtieġ li jiffokaw ukoll fuq is-setturi kkaratterizzati minn potenzjal sinifikanti ta' tkabbir u soċjali u li jkollhom proporzjon għoli ta' SMEs. It-turiżmu huwa settur wieħed tal-Ekonomija tal-Unjoni li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-PDG tal-Unjoni u primarjament jitmexxa mill-SMEs. L-Unjoni jenħtieġ li tkompli u żżid l-azzjonijiet li jappoġġaw l-ispeċifitàjiet ta' dan is-settur.

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Premessa 30**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) L-istandards Ewropej għandhom rwol importanti fis-suq intern. Huma ta' interess vitali għall-kompetittività tal-impriżi, u speċjalment tal-SMEs. Huma wkoll għodda kruċjali biex jappoġġaw il-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni f'għadd ta' oqsma ewlenin **bħall-enerġija**, it-tibdil fil-klima, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-użu sostenibbli tar-riżorsi, l-innovazzjoni, is-sikurezza tal-prodotti, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u l-popolazzjoni li qed tixjiħ,

(30) L-istandards Ewropej għandhom rwol importanti fis-suq intern. Huma ta' interess vitali għall-kompetittività tal-impriżi, u speċjalment tal-SMEs. Huma wkoll għodda kruċjali biex jappoġġaw il-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni f'għadd ta' oqsma ewlenin **bħat-tranżizzjoni tal-enerġija**, it-tibdil fil-klima, **il-protezzjoni ambjentali**, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-użu **u r-riċiklaġġ** sostenibbli tar-riżorsi, l-innovazzjoni, is-sikurezza tal-prodotti, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sikurezza u l-

u b'hekk jikkontribwixxu għas-soċjeta kollha.

kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u l-popolazzjoni li qed tixjiħ, u b'hekk jikkontribwixxu għas-soċjeta kollha.
Madankollu, l-esperjenza wriet li l-ħeffa u l-puntwalità tal-elaborazzjoni tal-istandards jeħtieġ li jittejbu u jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġu involuti aħjar il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi dawk li jirrappreżentaw lill-konsumaturi.

Emenda 38

Proposta għal regolament Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Qafas ta' rappurtar finanzjarju komuni li jaħdem sew huwa essenzjali għas-suq intern, għall-funzjonament effikaċi tas-swieq ***tal-kapital*** u għall-ħolqien ta' suq integrat għas-servizzi finanzjarji fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq ***tal-Kapital***.

Emenda

(32) Qafas ta' rappurtar finanzjarju komuni li jaħdem sew huwa essenzjali għas-suq intern, għall-funzjonament effikaċi tas-swieq ***finanzjarji*** u għall-ħolqien ta' suq integrat għas-servizzi finanzjarji fil-kuntest tal-Unjoni ***Bankarja u tal-Unjoni*** tas-Swieq ***Kapitali***.

Emenda 39

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) L-Unjoni tikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi u tqiegħdhom fil-qalba tas-suq intern billi tappoġġa u tikkumplimenta l-politiki tal-Istati Membri b'mod li tiżgura li meta jaġixxu bħala konsumaturi ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ il-benefiċċji tas-suq intern u li, b'hekk, is-sikurezza u l-interessi legali u ekonomiċi tagħhom jiġu protetti sew permezz ta'

Emenda

(36) L-Unjoni tikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi u tqiegħdhom fil-qalba tas-suq intern billi tappoġġa u tikkumplimenta l-politiki tal-Istati Membri b'mod li tiżgura li meta jaġixxu bħala konsumaturi ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ il-benefiċċji tas-suq intern u li, b'hekk, is-sikurezza u l-interessi legali u ekonomiċi tagħhom jiġu protetti sew permezz ta'

azzjonijiet konkreti. L-Unjoni trid tiżgura wkoll li l-liġijiet dwar il-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti jkunu infurzati kif xieraq u b'mod ugwali fuq il-post u li n-negozji jgawdu kundizzjonijiet ekwi b'kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tingħata s-setgħa lill-konsumaturi u jiġu mħeġġa u assistiti biex jagħmlu għażliet sostenibbli, u b'hekk ikunu qed jikkontribwixxu għal ekonomija ċirkolari, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi.

azzjonijiet konkreti. L-Unjoni trid tiżgura wkoll li l-liġijiet dwar il-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti jkunu infurzati kif xieraq u b'mod ugwali fuq il-post u li n-negozji jgawdu kundizzjonijiet ekwi b'kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tingħata s-setgħa lill-konsumaturi u jiġu mħeġġa u assistiti biex jagħmlu għażliet sostenibbli **u infurmati**, u b'hekk ikunu qed jikkontribwixxu għal ekonomija ċirkolari, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi.

Emenda 40

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jissensibilizza l-konsumaturi, in-negozji, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet rigward il-liġijiet tal-Unjoni dwar il-konsumatur u s-sikurezza u li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni l-aktar billi jappoġġa lill-Bureau Européen des Unions de Consommateurs (BEUC - Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi) li huwa NGO li ilha stabbilita u rikonoxxuta għal żmien twil u li tħares l-interessi tal-konsumaturi b'rabta mal-politiki kollha tal-UE, u lill-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni (ANEC) li tirrappreżenta l-interess tal-konsumaturi b'rabta ma' kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni. Waqt li jsir dan, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet ġodda tas-suq rigward il-promozzjoni ta' konsum sostenibbli u l-

Emenda

(37) Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jissensibilizza l-konsumaturi, in-negozji, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet rigward il-liġijiet tal-Unjoni dwar il-konsumatur u s-sikurezza u li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni l-aktar billi jappoġġa lill-Bureau Européen des Unions de Consommateurs (BEUC - Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi) li huwa NGO li ilha stabbilita u rikonoxxuta għal żmien twil u li tħares l-interessi tal-konsumaturi b'rabta mal-politiki kollha tal-UE, u lill-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni (ANEC) li tirrappreżenta l-interess tal-konsumaturi b'rabta ma' kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni. Waqt li jsir dan, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet ġodda tas-suq rigward il-promozzjoni ta' konsum sostenibbli u

prevenzjoni ta' vulnerabbiltajiet kif ukoll sfidi maħluqa mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija jew l-iżvilupp ta' tendenzi ta' konsum u mudelli ta' negozju ġodda. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' informazzjoni rilevanti dwar is-swieq, l-isfidi politiċi, kwistjonijiet u mġiba emerġenti, u l-pubblikazzjoni tat-tabelli ta' valutazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

b'mod partikolari ta' azzjonijiet li jindirizzaw il-kwistjoni tal-obsollexxa ppjanata tal-prodotti u l-prevenzjoni ta' vulnerabbiltajiet kif ukoll sfidi maħluqa mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, il-prodotti konnessi, l-Internet tal-Oġġetti, l-Intelliġenza Artifiċjali u l-użu ta' algoritmi jew l-iżvilupp ta' tendenzi ta' konsum u mudelli ta' negozju ġodda, ***bħall-ekonomija kollaborattiva u l-intraprenditorija soċjali***. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' informazzjoni rilevanti dwar is-swieq, ***inklużi azzjonijiet bil-għan li titjeb it-traċċabbiltà tal-prodotti matul il-katina ta' provvista, l-istandards ta' kwalità madwar l-Unjoni, u l-indirizz ta' kwistjonijiet dwar il-kwalità doppja tal-prodotti***, l-isfidi politiċi, kwistjonijiet u mġiba emerġenti, u l-pubblikazzjoni tat-tabelli ta' valutazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

Emenda 41

Proposta għal regolament Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż dawk responsabbli għall-monitoraġġ tas-sikurezza tal-prodotti, li jikkooperaw b'mod partikolari permezz tas-sistema ta' twissija rapida tal-Unjoni għall-prodotti perikolużi. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-infurzar tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸ u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti, u n-netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-awtoritajiet rilevanti ***fil-pajjiż*** terzi u fl-Unjoni. Il-programm jenħtieġ ukoll li jkollu l-għan li jiżgura aċċess għall-konsumaturi u n-negozjanti kollha għal

Emenda

(38) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż dawk responsabbli għall-monitoraġġ tas-sikurezza tal-prodotti, li jikkooperaw b'mod partikolari permezz tas-sistema ta' twissija rapida tal-Unjoni għall-prodotti perikolużi. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-infurzar tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸ u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti, u n-netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-awtoritajiet rilevanti ***fil-pajjiżi*** terzi u fl-Unjoni. Il-programm jenħtieġ ukoll li jkollu l-għan li jiżgura aċċess għall-konsumaturi u n-negozjanti kollha għal

riżoluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti u għal riżoluzzjoni ta' tilwim online ta' kwalità u għal informazzjoni dwar **il-possibilitajiet ta'** rimedju.

⁵⁸ Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

riżoluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti u għal riżoluzzjoni ta' tilwim online ta' kwalità u għal informazzjoni dwar **il-proċess għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet li jfittxu** rimedju, **bl-inqas spiża**.

⁵⁸ Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

Emenda 42

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) In-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi **qed** jgħin lill-konsumaturi jiksbu l-benefiċċju tad-drittijiet tal-konsumatur tal-Unjoni meta jixtru oġġetti u servizzi bejn il-fruntieri fis-Suq Intern u fiż-ŻEE, kemm online kif ukoll meta jkunu qed jivvjaġġaw. In-netwerk li jikkonsisti fi 30 ċentru u li ilu ffinanzjat b'mod konġunt mill-programmi tal-Unjoni għall-konsumaturi għal aktar minn 10 snin wera l-valur miżjud tiegħu biex isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fis-Suq Intern. Huwa jindirizza t-talbiet ta' aktar minn 100 000 konsumatur fis-sena u jilħaq miljuni ta' ċittadini permezz tal-attivitajiet ta' informazzjoni tiegħu fuq il-ġurnali u online. Huwa wieħed mill-aktar netwerks ta' assistenza liċ-ċittadini apprezzati tal-Unjoni u ħafna miċ-ċentri tiegħu jospitaw punti ta' kuntatt għal-liġi dwar is-suq intern bħad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹ u l-evalwazzjoni tiegħu tenfasizza l-importanza li jkompli jopera. In-netwerk għandu wkoll l-intenzjoni li jiżviluppa arranġamenti ta' reċiproċità ma'

Emenda

(39) **Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll** in-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi **li** jgħin lill-konsumaturi jiksbu l-benefiċċju tad-drittijiet tal-konsumatur tal-Unjoni meta jixtru oġġetti u servizzi bejn il-fruntieri fis-Suq Intern u fiż-ŻEE, kemm online kif ukoll meta jkunu qed jivvjaġġaw. In-netwerk li jikkonsisti fi 30 ċentru u li ilu ffinanzjat b'mod konġunt mill-programmi tal-Unjoni għall-konsumaturi għal aktar minn 10 snin wera l-valur miżjud tiegħu biex isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fis-Suq Intern. Huwa jindirizza t-talbiet ta' aktar minn 100 000 konsumatur fis-sena u jilħaq miljuni ta' ċittadini permezz tal-attivitajiet ta' informazzjoni tiegħu fuq il-ġurnali u online. Huwa wieħed mill-aktar netwerks ta' assistenza liċ-ċittadini apprezzati tal-Unjoni u ħafna miċ-ċentri tiegħu jospitaw punti ta' kuntatt għal-liġi dwar is-suq intern bħad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹ u l-evalwazzjoni tiegħu tenfasizza l-importanza li jkompli jopera. **In-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi jista' jkun ukoll sors**

korpi simili f'pajjiżi terzi.

importanti ta' informazzjoni dwar l-isfidi u l-problemi li l-konsumaturi jiffaċċjaw fil-livell lokali, li huma rilevanti għat-fassil tal-politika tal-Unjoni u għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jippermetti l-bini u t-tisħiħ ta' sinerġiji bejn ir-rappreżentazzjoni tal-konsumaturi fil-livell lokali u tal-Unjoni sabiex isaħħaħ ir-rappreżentanza tal-konsumaturi. In-netwerk għandu wkoll l-intenzjoni li jiżviluppa arranġamenti ta' reċiproċità ma' korpi simili f'pajjiżi terzi.

⁵⁹ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

⁵⁹ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Il-kontroll tal-idoneità tal-liġi tal-Unjoni dwar il-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni li sar mill-Kummissjoni f'Mejju 2017 wera l-ħtieġa li r-regoli jiġu infurzati aħjar u li jiġi ffaċilitat ir-rimedju meta l-konsumaturi jġarrbu ħsara minħabba ksur tal-liġijiet dwar il-konsumatur. B'riżultat ta' dan il-Kummissjoni adottat "Patt ġdid għall-Konsumaturi" f'April 2018 sabiex tiżgura, fost l-oħrajn, trattament ugwali għall-konsumaturi fis-suq intern b'rabta **mal-istandards** ta' kwalità doppja, kapaċitajiet ta' infurzar aqwa tal-Istati Membri, sikurezza tal-prodotti mtejba, kooperazzjoni internazzjonali msaħħa u possibilitajiet ġodda ta' rimedju l-aktar permezz ta' azzjonijiet rappreżentattivi minn entitajiet kwalifikati. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jappoġġa din l-

Emenda

(40) Il-kontroll tal-idoneità tal-liġi tal-Unjoni dwar il-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni li sar mill-Kummissjoni f'Mejju 2017 wera l-ħtieġa li r-regoli jiġu infurzati aħjar u li jiġi ffaċilitat ir-rimedju meta l-konsumaturi jġarrbu ħsara minħabba ksur tal-liġijiet dwar il-konsumatur. B'riżultat ta' dan il-Kummissjoni adottat "Patt ġdid għall-Konsumaturi" f'April 2018 sabiex tiżgura, fost l-oħrajn, trattament ugwali għall-konsumaturi fis-suq intern b'rabta **mal-każijiet transfruntiera, bħall-bejgħ ta' prodotti mhux konformi fis-settur tal-vetturi bil-mutur, standards** ta' kwalità doppja **ta' prodotti jew il-problemi ta' passiġġieri li jitħallew l-art bħala riżultat tal-kanċellazzjoni ta' għadd kbir ta' titjiriet**, kapaċitajiet ta' infurzar aqwa tal-Istati Membri, sikurezza tal-prodotti

inizjattiva permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-bini tal-għarfien, il-bini tal-kapaċità u l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, in-netwerking u l-iżvilupp tal-intelliġenza tas-suq, billi jsaħħaħ fost l-oħrajn il-bażi tal-evidenza dwar il-funzjonament tas-suq intern għall-konsumaturi, is-sistemi tal-IT u l-għodod ta' komunikazzjoni.

mtejba, kooperazzjoni internazzjonali msaħħa u possibiltajiet ġodda ta' rimedju l-aktar permezz ta' azzjonijiet rappreżentattivi minn entitajiet kwalifikati. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jappoġġa din l-inizjattiva permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-bini tal-għarfien, il-bini tal-kapaċità u l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, in-netwerking u l-iżvilupp tal-intelliġenza tas-suq, billi jsaħħaħ fost l-oħrajn il-bażi tal-evidenza dwar il-funzjonament tas-suq intern għall-konsumaturi, is-sistemi tal-IT u l-għodod ta' komunikazzjoni.

Emenda 44

Proposta għal regolament Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Iċ-ċittadini huma partikolarment affettwati mill-funzjonament tas-swieq ***tas-servizzi finanzjarji***. Dawn huma komponent ewlieni tas-suq intern u jirrikjedu qafas solidu għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni li jiżgura mhux biss stabbiltà finanzjarja u ekonomija sostenibbli, iżda jipprovdi wkoll livell għoli ta' ħarsien lill-konsumaturi u lil utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-investituri individwali, dawk li jfaddlu, id-detenturi tal-poloż ta' assigurazzjoni, il-membri u l-benefiċjarji ta' fondi ta' pensjoni, l-azzjonisti individwali, il-mutwatarji u l-SMEs. ***Huwa importanti*** li titjeb il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fit-tfassil ta' politiki ***għas-settur finanzjarju***.

Emenda

(41) Iċ-ċittadini huma partikolarment affettwati mill-funzjonament tas-swieq ***finanzjarji u għalhekk jenħtieġ li jiġu infurmati aktar dwar id-drittijiet, ir-riskji u l-benefiċċji rilevanti***. Dawn huma komponent ewlieni tas-suq intern u jirrikjedu qafas solidu għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni li jiżgura mhux biss stabbiltà finanzjarja u ekonomija sostenibbli, iżda jipprovdi wkoll livell għoli ta' ħarsien lill-konsumaturi u lil utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-investituri individwali, dawk li jfaddlu, id-detenturi tal-poloż ta' assigurazzjoni, il-membri u l-benefiċjarji ta' fondi ta' pensjoni, l-azzjonisti individwali, il-mutwatarji u l-SMEs. ***II-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi biex titjeb il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fit-tfassil ta' politiki, anke permezz tal-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni ċara, kompluta u faċli għall-utent dwar il-prodotti kummerċjalizzati fis-swieq finanzjarji.***

Emenda 45

Proposta għal regolament Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Għaldaqstant il-Programm jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-attivitajiet speċifiċi koperti mill-Programm tal-Bini tal-Kapaċità 2017-2020 filwaqt li **isaħħaħ** l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-fassil tal-politika tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 2017/826 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰ li kompla l-programm pilota u l-azzjoni preparatorja tas-snin 2012-2017. Dan huwa meħtieġ biex jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika b'opinjonijiet mill-partijiet ikkonċernati apparti professjonisti tas-settur finanzjarju u jiżgura rappreżentanza aħjar tal-interessi tal-konsumaturi u ta' utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji. **Dan huwa mistenni li jwassal għal politiki aqwa għas-servizzi** finanzjarji, l-aktar bis-saħħa ta' fehim aqwa mill-pubbliku tal-kwistjonijiet involuti fir-regolamentazzjoni finanzjarja u ta' litteriżmu finanzjarju msaħħaħ.

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/826 tal-

Emenda

(42) Għaldaqstant il-Programm jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-attivitajiet speċifiċi koperti mill-Programm tal-Bini tal-Kapaċità 2017-2020 filwaqt li **jsaħħaħ** l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-fassil tal-politika tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 2017/826 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰ li kompla l-programm pilota u l-azzjoni preparatorja tas-snin 2012-2017. Dan huwa meħtieġ biex jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika b'opinjonijiet mill-partijiet ikkonċernati apparti professjonisti tas-settur finanzjarju u jiżgura rappreżentanza aħjar tal-interessi tal-konsumaturi u ta' utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji. **Il-Programm għandu jiżviluppa b'mod kontinwu l-metodoloġija tiegħu u l-aħjar Prattiki dwar kif iżid il-parteciġazzjoni tal-konsumaturi u l-utenti aħħarin tas-servizzi finanzjarji sabiex jidentifika kwistjonijiet rilevanti għat-fassil tal-politika tal-Unjoni u sabiex jiżgura l-interessi tal-konsumaturi fil-gasam tas-servizzi finanzjarji. Dan jenħtieġ li jtejjeb il-politiki dwar is-servizzi** finanzjarji, l-aktar bis-saħħa ta' fehim aqwa mill-pubbliku tal-kwistjonijiet involuti fir-regolamentazzjoni finanzjarja u ta' litteriżmu finanzjarju msaħħaħ. **Ir-riżorsi pubbliċi ta' dan il-Programm jenħtieġ li jiffukaw fuq dak li huwa essenzjali għall-utenti aħħarin u jevitaw kull forma ta' appoġġ finanzjarju dirett jew indirett għall-attivitajiet kummerċjali proposti minn operaturi finanzjarji privati.**

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/826 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni biex jappoġġa attivitajiet speċifiċi li jsaħħu l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 17).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni biex jappoġġa attivitajiet speċifiċi li jsaħħu l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 17).

Emenda 46

Proposta għal regolament Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) Bħala parti minn proġett pilota, bejn l-2012 u l-2013, u ta' azzjoni preparatorja, bejn l-2014 u l-2016, il-Kummissjoni tat għotjiet lil żewġ organizzazzjonijiet wara sejħa annwali miftuħa għal proposti. Iż-żewġ organizzazzjonijiet huma Finance Watch, stabbilita b'għotjiet tal-Unjoni fl-2011 bħala assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ skont il-liġi Belġjana, u Better Finance, li hija l-prodott ta' riorganizzazzjonijiet u rebranding suċċessivi ta' federazzjonijiet u azzjonisti Ewropej preeżistenti sa mill-2009. Il-Programm tal-Bini tal-Kapaċità stabbilit taħt ir-Regolament (UE) Nru 2017/826, jidentifika dawn l-istess żewġ organizzazzjonijiet bħala l-uniċi benefiċjarji. Għalhekk huwa meħtieġ li jitkompla l-kofinanzjament ta' dawn l-organizzazzjonijiet bħala parti mill-Programm. Madankollu, dan il-finanzjament jenħtieġ li jkun soġġett għal rieżami.

Emenda

(43) Bħala parti minn proġett pilota, bejn l-2012 u l-2013, u ta' azzjoni preparatorja, bejn l-2014 u l-2016, il-Kummissjoni tat għotjiet lil żewġ organizzazzjonijiet wara sejħa annwali miftuħa għal proposti. Iż-żewġ organizzazzjonijiet huma Finance Watch, stabbilita b'għotjiet tal-Unjoni fl-2011 bħala assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ skont il-liġi Belġjana, u Better Finance, li hija l-prodott ta' riorganizzazzjonijiet u rebranding suċċessivi ta' federazzjonijiet u azzjonisti Ewropej preeżistenti sa mill-2009. Il-Programm tal-Bini tal-Kapaċità stabbilit taħt ir-Regolament (UE) Nru 2017/826, jidentifika dawn l-istess żewġ organizzazzjonijiet bħala l-uniċi benefiċjarji. Għalhekk huwa meħtieġ li jitkompla l-kofinanzjament ta' dawn l-organizzazzjonijiet bħala parti mill-Programm. Madankollu, dan il-finanzjament jenħtieġ li jkun soġġett għal rieżami. ***F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitfakkar li fl-eventwalità li l-Programm tal-Bini tal-Kapaċità u l-fondi korrispondenti jiġu estiżi lil hinn mill-2020 u jitfaċċaw benefiċjarji potenzjali oħrajn, is-sejħa għall-applikanti jenħtieġ li tkun miftuħa għal kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tissodisfa l-kriterji,***

Emenda 47

**Proposta għal regolament
Premessa 44**

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Huwa meħtieġ livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa permezz tal-katina tal-provvista tal-ikel biex is-suq intern ikun jista' jopera b'mod effiċjenti. Katina tal-provvista tal-ikel sikura u sostenibbli hija prerekwiżit għas-soċjetà u għas-suq intern. Il-kriżijiet tas-saħħa transfruntiera u l-biża' dwar l-ikel ifixklu l-funzjonament tas-suq intern billi jillimitaw il-moviment tal-persuni u tal-oġġetti u jfixklu l-produzzjoni.

Emenda

(44) Huwa meħtieġ livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa permezz tal-katina tal-provvista tal-ikel ***u l-għalf biex jiġu protetti kemm il-konsumaturi kif ukoll*** biex is-suq intern ikun jista' jopera b'mod effiċjenti ***u mingħajr intoppi***. Katina tal-provvista ***agrikola u*** tal-ikel sikura u sostenibbli hija prerekwiżit għas-soċjetà u għas-suq intern. ***Kif intwera minn inċidenti reċenti bħal każ tal-bajd ikkontaminat bil-fipronil fl-2017 u l-iskandlu tal-laħam taż-żiemel fl-2013, il-kriżijiet tas-saħħa transfruntiera, bħall-influenza avjarja jew id-deni Afrikan tal-ħnieżer, u l-biża' dwar l-ikel ifixklu l-funzjonament tas-suq intern billi jillimitaw il-moviment tal-persuni u tal-oġġetti u jfixklu l-produzzjoni. Il-prevenzjoni ta' kriżijiet tas-saħħa transfruntiera u ta' allarmi dwar l-ikel hija ta' importanza kbira. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet konkreti, bħat-twaqqif ta' miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżijiet u avvenimenti imprevedibbli li jaffettwaw is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-ħolqien ta' mekkaniżmu għal aċċess dirett għar-riżerva ta' għajnuna f'emerġenza sabiex dawn is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza jiġu indirizzati b'mod aktar rapidu, effettiv u effiċjenti.***

Emenda 48

Proposta għal regolament Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) L-objettiv ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-katina alimentari huwa li **jikkontribwixxi għal** livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, li jappoġġa t-titjib tal-benessri tal-annimali, li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, inkluża l-preservazzjoni tal-bijodiversità, filwaqt li jtejjeb is-sostenibbiltà tal-produzzjonijiet Ewropej tal-ikel u l-għalf, iżid l-istandards tal-kwalità fl-Unjoni kollha, itejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel u tal-għalf u jiffavorixxi l-ħolqien tal-impjiegi.

Emenda 49

Proposta għal regolament Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Minħabba n-natura speċifika tal-azzjonijiet li jirrigwardaw livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, iridu jiġu stipulati kriterji ta' eliġibbiltà speċjali rigward il-provvista ta' għotjiet u l-użu tal-akkwist pubbliku f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, b'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ (ir-"Regolament Finanzjarju"), bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' nonretroattività, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza, minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli tagħhom, jenħtieġ li jkunu eliġibbli u jinkludu wkoll l-ispejjeż imġarrba bħala riżultat ta' okkorrenza suspettata ta' marda

Emenda

(45) L-objettiv ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-katina alimentari huwa li **jiggarantixxi** livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, li jappoġġa t-titjib tal-benessri tal-annimali, li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, inkluża l-preservazzjoni tal-bijodiversità, filwaqt li jtejjeb is-sostenibbiltà tal-produzzjonijiet Ewropej tal-ikel u l-għalf, **jaqta' l-ħela tal-ikel**, iżid l-istandards tal-kwalità **tal-prodotti** fl-Unjoni kollha, itejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel u tal-għalf u jiffavorixxi l-ħolqien tal-impjiegi.

Emenda

(46) Minħabba n-natura speċifika tal-azzjonijiet li jirrigwardaw livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, iridu jiġu stipulati kriterji ta' eliġibbiltà speċjali rigward il-provvista ta' għotjiet u l-użu tal-akkwist pubbliku f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, b'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) **2018/1046** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ (ir-"Regolament Finanzjarju"), bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' nonretroattività, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza, minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli tagħhom, jenħtieġ li jkunu eliġibbli u jinkludu wkoll l-ispejjeż imġarrba bħala riżultat ta' okkorrenza

jew organiżmu ta' ħsara bil-kundizzjoni li sussegwentement din l-okkorrenza tiġi kkonfermata u nnotifikata lill-Kummissjoni. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli jenħtieġ li jsiru mill-Kummissjoni, wara l-firma tal-impenji legali u wara l-valutazzjoni tat-talbiet għall-ħlas **ppreżentati** mill-Istati Membri. L-ispejjeż jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll għall-miżuri ta' protezzjoni meħuda fil-każ ta' theddida diretta għall-istatus tas-saħħa fl-Unjoni b'riżultat tal-okkorrenza jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz, Stat Membru jew pajjiżi u territorji extra-Ewropej ta' ċertu mard tal-annimali u ċerti żoonożi kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni, jew attivitajiet rilevanti oħra, meħuda b'appoġġ għall-istatus tas-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni.

⁶¹ *[żieda]*

suspettata ta' marda jew organiżmu ta' ħsara bil-kundizzjoni li sussegwentement din l-okkorrenza tiġi kkonfermata u nnotifikata lill-Kummissjoni. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli jenħtieġ li jsiru mill-Kummissjoni, wara l-firma tal-impenji legali u wara l-valutazzjoni tat-talbiet għall-ħlas **ippreżentati** mill-Istati Membri. L-ispejjeż jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll għall-miżuri ta' protezzjoni meħuda fil-każ ta' theddida diretta għall-istatus tas-saħħa fl-Unjoni b'riżultat tal-okkorrenza jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz, Stat Membru jew pajjiżi u territorji extra-Ewropej ta' ċertu mard tal-annimali u ċerti żoonożi kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni, jew attivitajiet rilevanti oħra, meħuda b'appoġġ għall-istatus tas-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni.

⁶¹ *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (OJ L 193, 30.7.2018, p. 1).*

Emenda 50

Proposta għal regolament Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Il-kontrolli uffiċjali li jsiru mill-Istati Membri huma għodda essenzjali biex jiġi vverifikat u ssorveljat li r-rekwiżiti

Emenda

(47) ***Fid-dawl tal-fatt li l-katina alimentari qed issir dejjem aktar globalizzata***, il-kontrolli uffiċjali li jsiru

rilevanti tal-Unjoni qed jiġu implimentati, imħarsa u infurzati. **L-effettività** u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali huma vitali sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tal-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li jkun disponibbli appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal tali miżuri ta' kontroll. B'mod partikolari, jenħtieġ li tkun disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni sabiex tgħin hom isostnu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, billi l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali tiddependi wkoll mid-disponibbiltà għall-awtoritajiet ta' kontroll ta' persunal imħarreġ tajjeb li jkollu konozzenza adegwata tad-dritt tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-taħriġ tagħhom kif ukoll għall-programmi ta' skambju rilevanti organizzati mill-awtoritajiet kompetenti.

mill-Istati Membri huma għodda essenzjali biex jiġi vverifikat u ssorveljat li r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni qed jiġu implimentati, imħarsa u infurzati, **b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti impurtati minn pajjiżi terzi. L-effikaċja** u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali huma vitali sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, **kif ukoll il-fiduċja tal-konsumaturi**, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tal-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li jkun disponibbli appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal tali miżuri ta' kontroll. B'mod partikolari, jenħtieġ li tkun disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni sabiex tgħin hom isostnu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, billi l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali tiddependi wkoll mid-disponibbiltà għall-awtoritajiet ta' kontroll ta' persunal imħarreġ tajjeb li jkollu konozzenza adegwata tad-dritt tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-taħriġ tagħhom kif ukoll għall-programmi ta' skambju rilevanti organizzati mill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 51

Proposta għal regolament Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni

(51) Il-Programm ġie sottomess għal eżami minn qabel lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Emenda

(51) Il-Programm ġie sottomess għal eżami minn qabel lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 **u jenħtieġ li jiġi implimentat billi jiġi żgurat skrutinju parlamentari effettiv.**

Emenda 52

Proposta għal regolament

Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni

(52) L-Unjoni u l-Istati Membri huma impenjati fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Billi jikkontribwixxu biex l-Aġenda 2030 tirnexxi, l-Unjoni u l-Istati Membri se jrawmu Ewropa aktar b'saħħitha, aktar sostenibbli, inklużiva, sikura u prospera. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż billi jibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli.

Emenda

(52) L-Unjoni u l-Istati Membri huma impenjati ***li jagħtu riżultati biex ikunu fuq quddiem*** fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Billi jikkontribwixxu biex l-Aġenda 2030 tirnexxi, l-Unjoni u l-Istati Membri se jrawmu Ewropa aktar b'saħħitha, aktar sostenibbli, inklużiva, sikura u prospera. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż billi jibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, ***billi għal dak il-għan isir impenn ċar u viżibbli fir-Regolament QFP, u jiġu integrati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif mitlub mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu u t-30 ta' Mejju 2018 dwar il-QFP 2021-2027.***

Emenda 53

Proposta għal regolament

Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni

(58) L-azzjonijiet implimentati taħt il-programmi preċedenti u l-linji baġitarji wrew li huma adegwati u jenħtieġ li jinżammu. L-azzjonijiet il-ġodda introdotti taħt dan il-Programm għandhom l-għan li jsaħħu b'mod partikolari s-suq intern li qed jiffunzjona tajjeb. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkunu definiti biss f'termini ta' kategoriji globali u ġeneriċi sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jilħaq l-oġettivi tiegħu. Jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-

Emenda

(58) L-azzjonijiet implimentati taħt il-programmi preċedenti u l-linji baġitarji wrew li huma adegwati u jenħtieġ li jinżammu. L-azzjonijiet il-ġodda introdotti taħt dan il-Programm għandhom l-għan li jsaħħu b'mod partikolari s-suq intern li qed jiffunzjona tajjeb. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkunu definiti biss f'termini ta' kategoriji globali u ġeneriċi sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibilità fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jilħaq l-oġettivi tiegħu. Jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-

Programm listi ta'attivitajiet indikattivi li jikkonċernaw l-objettivi speċifiċi fil-qasam tal-kompetittività, jew attivitajiet speċifiċi li ġejjin mir-rekwiżiti regolatorji, bħal fil-qasam tal-istandardizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni tal-katina alimentari u l-Istatistika Ewropea.

Programm listi ta'attivitajiet indikattivi li jikkonċernaw l-objettivi speċifiċi fil-qasam tal-kompetittività, ***il-protezzjoni tal-konsumatur***, jew attivitajiet speċifiċi li ġejjin mir-rekwiżiti regolatorji, bħal fil-qasam tal-istandardizzazzjoni, ***is-sorveljanza tas-suq***, ir-regolamentazzjoni tal-katina alimentari u l-Istatistika Ewropea.

Emenda 54

Proposta għal regolament Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni

(60) B'kunsiderazzjoni tal-interkonnnettività tal-ekonomija dinjija li dejjem qiegħda tiżdied, il-Programm jenħtieġ li jkompli jipprovdi l-possibbiltà li jiġu involuti esperti esterni, bħal uffiċjali ta' pajjiżi terzi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew operatori ekonomiċi f'ċerti attivitajiet.

Emenda

(60) B'kunsiderazzjoni tal-interkonnnettività tal-ekonomija dinjija li dejjem qiegħda tiżdied, ***inkluża l-ekonomija diġitali***, il-Programm jenħtieġ li jkompli jipprovdi l-possibbiltà li jiġu involuti esperti esterni, bħal uffiċjali ta' pajjiżi terzi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew operatori ekonomiċi f'ċerti attivitajiet.

Emenda 55

Proposta għal regolament Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni

(64) ***Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji filwaqt li jevita x-xogħol doppju b'rabta mal-programmi u l-azzjonijiet tal-Unjoni relatati.*** L-azzjonijiet taħt dan il-Programm jenħtieġ li jikkomplementaw lil dawk tal-Programmi Dwana u Fiscalis stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷ u r-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸ li wkoll għandhom l-għan li jappoġġaw u jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.

Emenda

(64) L-azzjonijiet taħt dan il-Programm jenħtieġ li jikkomplementaw lil dawk tal-Programmi Dwana u Fiscalis stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷ u r-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸ li wkoll għandhom l-għan li jappoġġaw u jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.

⁶⁷ COM(2018)0442 finali

⁶⁸ COM(2018)0443 finali

⁶⁷ COM(2018)0442 finali

⁶⁸ COM(2018)0443 finali

Emenda 56

Proposta għal regolament Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni

(65) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji **u** komplementarjetajiet fir-rigward tal-appoġġ għall-SMEs u għall-intraprenditorija taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali stabbilit bir-Regolament (UE) [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹. Barra minn hekk, it-tieqa għall-SMEs tal-InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰ **se** jiggarrantixxi appoġġ għad-dejn u għall-ekwità biex jissaħħu l-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għall-SMEs. Il-Programm jenħtieġ li jfittex ukoll sinerġiji mal-Programm Spazjali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹ fir-rigward tal-inkoraġġiment tal-SMEs biex jibbenefikaw minn innovazzjoni rivoluzzjonarja u soluzzjonijiet oħrajn żviluppati taħt dawk il-programmi.

⁶⁹ COM(2018)0372 finali

⁷⁰ COM(2018)0439 finali

⁷¹ COM(2018)0447 finali

Emenda

(65) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji, komplementarjetajiet u **addizzjonalità** fir-rigward tal-appoġġ għall-SMEs u għall-intraprenditorija taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali stabbilit bir-Regolament (UE) **Nru** [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹. Barra minn hekk, it-tieqa għall-SMEs tal-InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰ **ser** jiggarrantixxi appoġġ għad-dejn u għall-ekwità biex jissaħħu l-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għall-SMEs **u għall-intrapriżi mikro**. Il-Programm jenħtieġ li jfittex ukoll sinerġiji mal-Programm Spazjali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹ fir-rigward tal-inkoraġġiment tal-SMEs biex jibbenefikaw minn innovazzjoni rivoluzzjonarja u soluzzjonijiet oħrajn żviluppati taħt dawk il-programmi.

⁶⁹ COM(2018)0372 finali

⁷⁰ COM(2018)0439 finali

⁷¹ COM(2018)0447 finali

Emenda 57

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni

(67) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji u komplementarjetajiet fir-rigward tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷³ li għandhom l-għan li jippromwovi d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u tas-settur pubbliku tal-Unjoni.

⁷³ COM(2018)0434 finali

Emenda

(67) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji u komplementarjetajiet fir-rigward tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷³ li għandhom l-għan li jippromwovi d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u tas-settur pubbliku tal-Unjoni ***u taż-żieda fiċ-ċibersigurtà.***

⁷³ COM(2018)0434 finali

Emenda 58

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

(71) ***Fejn rilevanti*** l-azzjonijiet tal-Programm jenħtieġ li ***jintużaw biex*** jindirizzaw ***il-fallimenti*** tas-suq jew is-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma ***jsir*** duplikazzjoni jew esklużjoni tal-finanzjament privat ***u jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.***

Emenda

(71) L-azzjonijiet tal-Programm jenħtieġ li ***jkollhom valur miżjud Ewropew ċar u*** jindirizzaw ***in-nuqasijiet*** tas-suq jew is-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma ***ssir*** duplikazzjoni jew esklużjoni tal-finanzjament privat.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni

(72) ***Is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni fir-***

Emenda

imħassar

rigward tal-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma li jimplimentaw l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁹.

⁷⁹ *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

Emenda 60

Proposta għal regolament Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni

(73) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi l-konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

(73) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li, b'mod partikolari, jitqiesul-**valur miżjud tal-Unjoni**, l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi l-konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni

(74) Biex ikun żgurat monitoraġġ u rappurtar regolari, jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-bidu nett qafas xieraq għall-monitoraġġ tal-azzjonijiet u tar-riżultati tal-Programm. Dawn il-monitoraġġ u r-rappurtar jenħtieġ li jkunu bbażati fuq indikaturi, li jkejlu l-effetti tal-azzjonijiet taħt il-Programm skont linji bażiċi definiti minn qabel.

Emenda

(74) Biex ikun żgurat monitoraġġ u rappurtar regolari ***dwar il-progress miksub u dwar l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Programm***, jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-bidu nett qafas xieraq għall-monitoraġġ tal-azzjonijiet u tar-riżultati tal-Programm. Dawn il-monitoraġġ u r-rappurtar jenħtieġ li jkunu bbażati fuq indikaturi, li jkejlu l-effetti tal-azzjonijiet taħt il-Programm skont linji bażiċi definiti minn qabel.

Emenda 62

Proposta għal regolament

Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni

(75) Skont il-paragrafu 22 u l-paragrafu 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁸⁰, hemm il-ħtieġa li dan il-Programm jiġi evalwat fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jenħtieġ li jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post.

Emenda

(75) Skont il-paragrafu 22 u l-paragrafu 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁸⁰, hemm il-ħtieġa li dan il-Programm jiġi evalwat fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jenħtieġ li jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tfassal rapport ta' evalwazzjoni interim dwar l-ilħuq tal-objettivi tal-azzjonijiet appoġġati taħt il-Programm, dwar ir-riżultati u l-impatti, dwar l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u dwar il-valur miżjud tal-Unjoni tiegħu, kif ukoll rapport ta' evalwazzjoni***

⁸⁰ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁸⁰ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 63

Proposta għal regolament Premessa 75a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(75a) Sabiex jiġu supplimentati ċerti
elementi mhux essenzjali ta' dan ir-
Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni
tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-
Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-
Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-
rigward tal-adozzjoni ta' programm(i) ta'
ħidma.***

Emenda 64

Proposta għal regolament Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(76) ***Il-lista*** ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament taħt il-miżuri ta' emerġenza u għall-finanzjament taħt il-programmi ta' eradikazzjoni, kontroll u sorveljanza jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-mard tal-annimali msemmi fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸¹, ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸² u r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u

(76) ***Lista miftuħa*** ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament taħt il-miżuri ta' emerġenza u għall-finanzjament taħt il-programmi ta' eradikazzjoni, kontroll u sorveljanza jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-mard tal-annimali msemmi fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸¹, ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸² u r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill⁸³.

⁸¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmisibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.03.2016, p. 1).

⁸² Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1)

⁸³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered. (ĠU L 147, 31.05.2001, p. 1).

tal-Kunsill⁸³.

⁸¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmisibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.03.2016, p. 1).

⁸² Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1)

⁸³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered. (ĠU L 147, 31.05.2001, p. 1).

Emenda 65

Proposta għal regolament

Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni

(77) Sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li huma provokati ***bil-mard*** tal-annimali li jkollu impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni jew il-kummerċ tal-bhejjem, l-iżvilupp taż-żoonożi li jippreżentaw theddida għall-bniedem, jew l-iżviluppi xjentifiċi jew epidemjoloġiċi ġodda, kif ukoll il-mard tal-annimal li aktarx jikkostitwixxu theddida għall-Unjoni, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tingħata lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi. Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-oġġettivi tiegħu, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tal-Funzjonament

Emenda

(77) Sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li huma provokati ***minn mard*** tal-annimali li jkollu impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni jew il-kummerċ tal-bhejjem, l-iżvilupp taż-żoonożi li jippreżentaw theddida għall-bniedem, jew l-iżviluppi xjentifiċi jew epidemjoloġiċi ġodda, kif ukoll il-mard tal-annimal li aktarx jikkostitwixxu theddida għall-Unjoni, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tingħata lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi. Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-oġġettivi tiegħu, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tal-Funzjonament

tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami jew biex jiġu komplementati l-indikaturi għall-kejl tal-kisba tal-obiettivi speċifiċi fejn jitqies meħtieġ u biex jiġi supplimentat dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Huwa partikolarment importanti li waqt il-ħidma preparatorja tagħha l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. **B'mod partikolari**, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami jew biex jiġu komplementati l-indikaturi għall-kejl tal-kisba tal-obiettivi speċifiċi fejn jitqies meħtieġ u biex jiġi supplimentat dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Huwa partikolarment importanti li waqt il-ħidma preparatorja tagħha l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. **Jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jiġu kkonsultati wkoll.** Biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Emenda 66

Proposta għal regolament Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni

(80) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill **fuq il-bażi** tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea **japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament** Finanzjarju **u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura** għall-iffissar u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, filwaqt li **jipprevedu** t-twettiq ta' verifiki rigward ir-

Emenda

(80) **Għall-azzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament fil-qafas ta' dan il-Programm, bla preġudizzju għal derogi speċifiċi, jenħtieġ li japplikaw** ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill **abbażi** tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea **u, b'mod partikolari, ir-Regolament** Finanzjarju **li jistabbilixxi** l-proċedura għall-iffissar u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, filwaqt li

responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 **TFUE** jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, għaliex ir-rispett lejn l-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament tal-Unjoni effettiv.

jipprevedi t-tweqqi ta' verifiki rigward ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 **tat-TFUE** jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, għaliex ir-rispett lejn l-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament tal-Unjoni effettiv.

Emenda 67

Proposta għal regolament Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni

(81) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹⁰ jirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Istati Membri fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹¹ jirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Kummissjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti irid jikkonforma mar-regoli dwar it-trasferiment tad-data personali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 u kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-Kummissjoni jrid jikkonforma mar-regoli dwar it-trasferiment ta' data personali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Emenda

(81) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹⁰ jirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Istati Membri fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹¹ jirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Kummissjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti irid jikkonforma mar-regoli dwar it-trasferiment tad-data personali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 u **fir-Regolament XXX [ir-Regolament dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika]** u kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-Kummissjoni jrid jikkonforma mar-regoli dwar it-trasferiment ta' data personali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Emenda 68

Proposta għal regolament Premessa 83

Test propost mill-Kummissjoni

(83) Il-Programm jenħtieġ ukoll li jiżgura aktar viżibbiltà u koerenza ***tal-azzjonijiet*** tas-suq intern tal-Unjoni, ***tal-kompetittività*** tal-intrapriżi ***inkluż l-SMEs*** u ***tal-istatistika*** Ewropea ***lejn*** iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet.

Emenda

(83) Il-Programm jenħtieġ ukoll li jiżgura aktar viżibbiltà u koerenza ***fl-azzjonijiet*** tas-suq intern tal-Unjoni, ***il-kompetittività u s-sostenibbiltà*** tal-intrapriżi – ***speċjalment l-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju*** – u ***l-istatistika*** Ewropea ***quddiem*** iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet.

Emenda 69

Proposta għal regolament Premessa 85

Test propost mill-Kummissjoni

(85) Huwa xieraq li tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mingħajr interruzzjoni bejn il-programmi fl-oqsma tal-kompetittività tal-intrapriżi ***u tal-SMEs***, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-klijenti u tal-utenti aħħarin fis-servizzi finanzjarji, it-tfassil ta' politiki fis-servizzi finanzjarji, il-katina alimentari u l-istatistika Ewropea, stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1287/2013, ir-Regolament (UE) Nru 254/2014, ir-Regolament (UE) Nru 2017/826, ir-Regolament (UE) Nru 258/2014, ir-Regolament (UE) Nru 652/2014, ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 u dan il-Programm, b'mod partikolari rigward il-kontinwazzjoni tal-miżuri pluriennali u l-evalwazzjoni tas-suċċessi tal-programmi preċedenti,

Emenda

(85) Huwa xieraq li tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel ***u*** mingħajr interruzzjoni bejn il-programmi fl-oqsma tal-kompetittività ***u s-sostenibbiltà*** tal-intrapriżi, ***speċjalment l-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju***, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-klijenti u tal-utenti aħħarin fis-servizzi finanzjarji, it-tfassil ta' politiki fis-servizzi finanzjarji, il-katina alimentari u l-istatistika Ewropea, stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1287/2013, ir-Regolament (UE) Nru 254/2014, ir-Regolament (UE) Nru 2017/826, ir-Regolament (UE) Nru 258/2014, ir-Regolament (UE) Nru 652/2014, ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 u dan il-Programm, b'mod partikolari rigward il-kontinwazzjoni tal-miżuri pluriennali u l-evalwazzjoni tas-suċċessi tal-programmi preċedenti.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm **għat-titjib tal-funzjonament** tas-suq intern u **l-kompetittività** tal-intrapriżi, **inkluż** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 (il-"Programm").

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm **tas-Suq Uniku għat-tisħiħ** tas-suq intern u **t-titjib tal-funzjonament tiegħu fl-oqsma tal-kompetittività u s-sostenibbiltà** tal-intrapriżi, **speċjalment** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, **l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sorveljanza tas-suq, il-katina tal-provvista tal-ikel** u l-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 (il-"Programm").

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "Statistika Ewropea" tfisser statistika żviluppata, prodotta u disseminata skont **ir-Regolament** (KE) Nru 223/2009;

Emenda

(2) "Statistika Ewropea" tfisser statistika żviluppata, prodotta u disseminata **fil-livell tal-Unjoni u fl-Istati Membri** skont **l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u r-Regolament** (KE) Nru 223/2009;

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. "entità legali" tfisser kwalunkwe

Emenda

3. "entità legali" tfisser kwalunkwe

persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista', meta taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità mingħajr personalità ġuridika f'konformità mal-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju");

persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista', meta taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità mingħajr personalità ġuridika f'konformità mal-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) **Nru 2018/1046** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju");

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) "intrapriża tal-ekonomija soċjali" tfisser intrapriża li l-objettiv ewlieni tagħha jkun li jkollha impatt soċjali minflok ma tagħmel profitt għas-sidien jew għall-azzjonisti tagħha, topera billi ttipprovdi oġġetti u servizzi għas-suq u tkun amministrata b'mod miftuħ u responsabbli bl-involvement tal-impjegati, il-konsumaturi u l-partijiet ikkonċernati;

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) "intrapriża pubblika lokali" tfisser intrapriża lokali żgħira li ttiprovdi servizzi pubbliċi, tissodisfa l-kriterji ta' SME u twettaq kompiti importanti għall-komunitajiet lokali;

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) "netwerks ta' intrapriżi" tfisser grupp ta' intraprendituri li jingħaqdu flimkien sabiex iwettqu proġett kondiviż bl-involviment ta' żewġ SMEs jew aktar li jwettqu attività ekonomika waħda jew aktar b'mod konġunt sabiex iżidu l-kompetittività tagħhom fis-suq.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b'mod speċjali li jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz tal-infurzar ***tad-dritt*** tal-Unjoni, ***l-iffaċilitar tal-aċċess*** għas-suq, l-iffissar ta' standards, ***u bil-promozzjoni tas-saħħa*** tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u ***tal-benessri*** tal-annimali; kif ukoll li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;

(a) li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b'mod speċjali li jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz tal-infurzar ***tal-qafas legali, soċjali u ambjentali*** tal-Unjoni; ***li jiffaċilita l-aċċess*** għas-suq ***u għall-finanzi, jippromwovi*** l-iffissar ta' standards ***u kompetizzjoni ġusta bejn il-kumpaniji, jiżgura protezzjoni tal-konsumatur uniformi u ta' livell għoli, isaħħaħ is-sorveljanza tas-suq madwar l-Unjoni, itejjeb ir-rikonoxximent reċiproku u jippromwovi s-saħħa*** tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u ***l-benessri*** tal-annimali; kif ukoll li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li **jipprovi** statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli **dwar l-Ewropa** li tinfed it-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni u jgħin lil dawk li jfasslu l-politika, in-negozji, l-akkademji, **iċ-ċittadini** u l-midja sabiex jieħdu deċiżjonijiet informati u jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess demokratiku.

Emenda

(b) li **jiżviluppa, jipproduċi u jiddissemina** statistika **Ewropea** ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli li tinfed it-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni, **inklużi l-kummerċ u l-migrazzjoni**, u jgħin **liċ-ċittadini**, lil dawk li jfasslu l-politika **u lir-regolaturi, l-awtoritajiet superviżorji**, in-negozji, l-akkademji, **is-soċjetà ċivili** u l-midja sabiex jieħdu deċiżjonijiet informati u jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess demokratiku.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jagħmel is-suq intern aktar effettiv, jiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, **is-sorveljanza tas-suq** kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-liġi kuntrattwali u extra-kuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza;

Emenda

(a) li jagħmel is-suq intern aktar effettiv **billi:**

(i) jiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli **u** jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi **u** l-akkwist pubbliku, kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-

liġi kuntrattwali u extra-kuntrattwali, il-
ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment
liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-
kompetizzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' għodod
ta' governanza;

*(ii) jappoġġa s-sikurezza tal-prodotti u
sorveljanza tas-suq effettiva fl-Unjoni
kollha u jikkontribwixxi għall-ġlieda
kontra l-falsifikazzjoni tal-prodotti, bl-
għan li jiżgura li fis-suq tal-Unjoni
jitqiegħdu biss prodotti sikuri u konformi
li joffru livell għoli ta' protezzjoni tal-
konsumatur – inklużi dawk li jinbiegħu
online – kif ukoll omoġeneità u kapaċità
akbar fost l-awtoritajiet tas-sorveljanza
tas-suq madwar l-Unjoni.*

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li **jtejjeb** il-kompetittività tal-
intrapriżi b'enfasi speċjali fuq l-SMEs u li
jikseb l-addizzjonalità permezz tal-
provvediment ta' miżuri **li jipprovdu** forom
diversi ta' appoġġ lill-SMEs, **l-aċċess** għas-
swieq **inkluż l-internazzjonalizzazzjoni tal-
SMEs**, ambjent tan-negozju favorevoli
għall-SMEs, il-kompetittività tas-setturi, **il-
modernizzazzjoni** tal-industrija u **l-
promozzjoni tal-intraprenditorija**;

Emenda

(b) li **jsaħħaħ kemm** il-kompetittività **kif
ukoll is-sostenibbiltà** tal-intrapriżi b'enfasi
speċjali fuq l-SMEs u li jikseb l-
addizzjonalità permezz tal-provvediment
ta' miżuri (**objettivi għall-SMEs**),
**b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet
speċifiċi tagħhom, billi:**

(i) jipprovdi diversi forom ta' appoġġ lill-
SMEs, **irawwem it-tkabbir, il-promozzjoni
u l-ħolqien ta' SMEs, kif ukoll ta'
netwerks ta' intrapriżi, l-iżvilupp ta' ħiliet
manijerjali u t-trawwim ta' miżuri ta'
espansjoni li jippermettulhom aċċess
aħjar għas-swieq u għall-proċessi ta'
internazzjonalizzazzjoni, kif ukoll il-
kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti u s-
servizzi tagħhom;**

(ii) irawwem ambjent tan-negozju **u qafas**

favorevoli għall-SMEs, *inaqqas il-piż amministrattiv, itejjeb* il-kompetittività tas-setturi, *jżgura l-modernizzazzjoni* tal-industrija *inkluża t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, li tikkontribwixxi għal ekonomija reżiljenti u effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi;*

(iii) jipromwovi kultura intraprenditorjali u jikkontribwixxi għal taħriġ ta' kwalità għolja għall-persunal tal-SMEs;

(iv) jipromwovi opportunitajiet kummerċjali ġodda li permezz tagħhom l-SMEs jegħlbu l-bidliet strutturali bis-saħħa ta' miżuri mmirati, u forom innovattivi oħra ta' azzjonijiet bħal akkwiżizzjonijiet mill-ħaddiema li jiffaċilitaw il-ħolqien tax-xogħol u l-kontinwità tan-negozju fit-territorji affettwati minn dawn il-bidliet.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) jippermettu l-finanzjament *tal-istandardizzazzjoni Ewropea* u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-iffissar ta' standards Ewropej;

Emenda

(i) jippermettu l-finanzjament *tal-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej* u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati *kollha* fl-iffissar ta' standards Ewropej;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja ta'

Emenda

(ii) jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja ta'

rappurtar finanzjarju u ta' awditjar, jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni **u** jippromwovi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar Prattiki fir-rappurtar korporattiv;

rappurtar finanzjarju u ta' awditjar, jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni **u/jew** jippromwovi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar Prattiki fir-rappurtar korporattiv **kemm għall-kumpaniji ż-żgħar kif ukoll għall-kumpaniji l-kbar**;

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(d) li jippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u **jiżguraw** livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur **u sikurezza tal-prodotti** billi:

Emenda

(d) li jippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u **jiżgura** livell għoli **u uniformi** ta' protezzjoni tal-konsumatur billi:

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) jagħti s-setgħa, jassisti u jeduka lill-konsumaturi, lin-negozji u lis-soċjetà ċivili; jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, **konsum sostenibbli u sikurezza tal-prodotti b'mod partikolari billi** jappoġġa lill-awtoritajiet ta' infurzar kompetenti u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur **u** lill-azzjonijiet ta' kooperazzjoni; jiżgura li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess **għar-rimedju** u; jipprovdi informazzjoni xierqa dwar is-swieq u l-konsumaturi;

Emenda

(i) jagħti s-setgħa, jassisti u jeduka lill-konsumaturi, lin-negozji u lis-soċjetà ċivili; jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, **partikolarment għall-aktar konsumaturi vulnerabbli sabiex jissaħħu l-korrettezza, it-trasparenza u l-fiduċja fis-suq uniku**; jappoġġa lill-awtoritajiet ta' infurzar kompetenti u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur, **kif ukoll** lill-azzjonijiet ta' kooperazzjoni, **billi jindirizza, fost l-oħrajn, kwistjonijiet imqajma minn teknoloġiji eżistenti u emerġenti, inklużi azzjonijiet li jkollhom l-għan li jtejbu t-traċċabbiltà tal-prodott tul il-katina tal-provvista, l-istandards ta' kwalità fl-**

Unjoni kollha, u jindirizza l-kwistjoni tal-kwalità dupliċi tal-prodotti; jissensibilizza lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni u jiżgura li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess għal mekkaniżmi ta' rimedju effiċjenti u jipprovdi informazzjoni xierqa dwar is-swieq u l-konsumaturi, kif ukoll jippromwovi konsum sostenibbli billi titjeb l-informazzjoni li tingħata lill-konsumaturi dwar il-karatteristiċi speċifiċi u l-impatt ambjentali tal-oġġetti u s-servizzi;

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) isaħħaħ ***l-parteċipazzjoni*** tal-konsumaturi u ta' utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji u tas-soċjetà ċivili fit-fassil tal-politiki; jippromwovi fehim aħjar tas-settur finanzjarju;

Emenda

(ii) isaħħaħ ***il-parteċipazzjoni*** tal-konsumaturi u ta' utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji u tas-soċjetà ċivili fit-fassil tal-politiki; jippromwovi fehim aħjar tas-settur finanzjarju ***u tal-kategoriji differenti ta' prodotti finanzjarji kkummerċjalizzati u jiżgura l-interessi tal-konsumaturi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur;***

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u foqasma relatati, inkluż billi jiġu pprevenuti u meqruda l-mard u ***l-organizzmi ta' ħsara,***

Emenda

(e) li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa ***u sikurezza*** għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina ***tal-provvista tal-ikel u l-għalf*** u foqasma relatati, inkluż billi jiġu pprevenuti u

u jappoġġa t-titjib tal-benessri tal-animali kif ukoll *il-produzzjoni* u l-konsum sostenibbli tal-ikel;

meqruda l-mard u *l-pesti*, *inkluż permezz ta' miżuri ta' emerġenza f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fuq skala kbira u avvenimenti imprevedibbli li jaffettwaw is-saħħa tal-pjanti jew tal-animali*, kif ukoll *jappoġġa titjib fil-benessri tal-animali u jiżviluppa l-produzzjoni* u l-konsum sostenibbli tal-ikel *bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd, minbarra li jstimula r-riċerka l-innovazzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattiki fost il-partijiet ikkonċernati f'dawk l-oqsma.*

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) li jipproduċi u jikkomunika statistika ta' kwalità għolja *f'waqtha, imparzjali* u *kosteffiċjenti dwar l-Ewropa*, permezz ta' *sħubiji mtejba* fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika msemija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u mal-partijiet rilevanti u esterni kollha, bl-użu ta' diversi sorsi ta' data, metodi avvanzati ta' analiżi tad-data, sistemi intelliġenti u teknoloġiji diġitali.

Emenda

(f) li *jiżviluppa*, jipproduċi, *jiddissemina* u jikkomunika statistika *Ewropea* ta' kwalità għolja *b'tempestività, imparzjalità* u *kosteffiċjenza*, permezz ta' *sħubijiet imtejba* fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika msemija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u mal-partijiet rilevanti u esterni kollha, bl-użu ta' diversi sorsi ta' data, metodi avvanzati ta' analiżi tad-data, sistemi intelliġenti u teknoloġiji diġitali, *u jipprovdi diżaggregazzjoni fil-livell nazzjonali u, meta jkun possibbli, fil-livell reġjonali.*

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-

perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun
EUR **4 088 580 000** fi prezzijiet kurrenti.

perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun **ta'**
EUR **6 563 000 000** fi prezzijiet kurrenti.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(-a) EUR 394 590 000 għall-objettiv
imsemmi fl-Artikolu 3(2)(a)(i);**

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt -aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(-aa) EUR 396 200 000 għall-objettiv
imsemmi fl-Artikolu 3(2)(a)(ii);**

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(a) EUR 1 000 000 000 għall-objettiv
msemmi fl-Artikolu 3(2)(b);**

**(a) EUR 3 122 000 000 għall-objettiv
msemmi fl-Artikolu 3(2)(b);**

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) EUR 220 510 000 għall-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2)(c);

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) EUR **188 000 000** għall-objettiv msemmi fl-Artikolu 3(2)(d)(i);

(b) EUR **198 000 000** għall-objettiv msemmi fl-Artikolu 3(2)(d);

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għall-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, rigward b'mod partikolari l-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni u għall-użu ta' netwerks ta' teknoloġija tal-informatika li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, u l-użu u l-iżvilupp ta' għodod ta' teknoloġija tal-informatika korporattivi.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għall-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, rigward b'mod partikolari l-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni u għall-użu ta' netwerks ta' teknoloġija tal-informatika li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, u l-użu u l-iżvilupp ta' għodod ta' teknoloġija tal-informatika korporattivi. ***Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà massima tal-Programm għall-finanzjament ta' azzjonijiet koperti mill-objettivi tal-Programm, l-ispejjeż totali tal-appoġġ amministrattiv u tekniku ma għandhomx jaqbżu l-5 % tal-valur tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-***

paragrafu 1.

Emenda 94

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Għandu jiġi introdott mekkaniżmu speċifiku li jippermetti l-aċċess dirett tal-katina tal-ikel għar-riżerva tal-Kummissjoni għall-kriżijiet f'każ ta' emerġenzi fuq skala kbira, sabiex ikun żgurat il-finanzjament għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(e).

Emenda 95

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet tajbin biex l-atturi kollha tas-suq intern, inklużi n-negozji, iċ-ċittadini u l-konsumaturi, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw is-setgħa permezz ta' kampanji trasparenti ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, l-iskambju tal-aħjar Prattika, il-promozzjoni ta' Prattiki tajbin, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' kompetenza esperta u għarfien u l-organizzazzjoni ta' taħriġ;

(a) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet tajbin biex l-atturi kollha tas-suq intern, inklużi n-negozji, iċ-ċittadini u l-konsumaturi, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw is-setgħa permezz ta' kampanji trasparenti ta' **skambju ta'** informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, **partikolarment fir-rigward tar-regoli applikabbli tal-Unjoni u d-drittijiet tal-konsumaturi u n-negozji**, l-iskambju tal-aħjar Prattika, il-promozzjoni ta' Prattiki tajbin **u soluzzjonijiet innovattivi**, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' kompetenza esperta u għarfien u l-organizzazzjoni ta' taħriġ **għall-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali taċ-ċittadini u n-negozji**;

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-provvista ta' mekkaniżmi għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi, għall-utenti aħħarin, għas-soċjetà ċivili u għar-rappreżentanti tan-negozju mill-Unjoni biex tingħata kontribuzzjoni lid-diskussjonijiet politiċi, lill-politiki u lill-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari billi jiġi appoġġat il-funzjonament tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni;

Emenda

(b) il-provvista ta' mekkaniżmi għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi, għall-utenti aħħarin, għas-soċjetà ċivili, **għat-trade unions** u għar-rappreżentanti tan-negozju mill-Unjoni, **b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw lill-SMEs**, biex tingħata kontribuzzjoni lid-diskussjonijiet politiċi, lill-politiki u lill-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari billi jiġi appoġġat il-funzjonament tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni;

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-bini ta' kapaċità u l-iffaċilitar u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi;

Emenda

(c) il-bini ta' kapaċità u l-iffaċilitar u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi **u, b'mod aktar partikolari, azzjonijiet konġunti li jkollhom l-għan li jsaħħu s-sikurezza tal-prodotti, l-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti;**

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-appoġġ għall-infurzar effettiv **u l-immodernizzar** tal-qafas legali tal-UE u l-adattament rapidu tiegħu **għall-ambjent** li l-ħin kollu jinbidel, inkluż permezz tal-ġbir u l-analizzjiet ta' data; studji, evalwazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' politika; l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' dimostrazzjoni u proġetti pilota; attivitajiet ta' komunikazzjoni; l-iżvilupp ta' għodod tal-IT dedikati li jiżguraw it-trasparenza u l-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

Emenda

(d) l-appoġġ għall-infurzar effettiv **min-naħa tal-Istati Membri u għall-modernizzazzjoni** tal-qafas legali tal-UE u l-adattament rapidu tiegħu **għal ambjent** li l-ħin kollu jinbidel, **kif ukoll appoġġ biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet imqajma mid-diġitalizzazzjoni**, inkluż permezz tal-ġbir u l-analizzjiet ta' data; studji, evalwazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' politika; l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' dimostrazzjoni u proġetti pilota; attivitajiet ta' komunikazzjoni; l-iżvilupp ta' għodod tal-IT dedikati li jiżguraw it-trasparenza, **il-korrettezza** u l-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-azzjonijiet li ġejjin, li jimplimentaw l-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(a)(ii), għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament:

(a) il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u awtoritajiet rilevanti oħra tal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tan-Netwerk tal-Unjoni dwar il-Konformità tal-Prodotti;

(b) l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' għodod tal-IT sabiex isir skambju ta' informazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli fil-fruntieri esterni;

(c) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ttestjar u azzjonijiet konġunti fil-qasam tas-

sikurezza u l-konformità tal-prodotti, inkluż b'rabta ma' prodotti konnessi u prodotti li jinbiegħu online;

(d) il-kooperazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki u proġetti konġunti bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u korpi rilevanti minn pajjiżi terzi;

(e) l-appoġġ għal strateġiji ta' sorveljanza tas-suq, ġbir ta' għarfien u intelligence, kapaċitajiet u faċilitajiet ta' ttestjar, evalwazzjonijiet bejn il-pari, programmi ta' taħriġ, assistenza teknika u bini ta' kapaċità għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;

(f) il-valutazzjoni tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u l-verifika tal-konformità tal-vetturi bil-mutur min-naħa tal-Kummissjoni.

Emenda 100

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) li jipprovdu forom diversi ta' appoġġ għall-SMEs;

imħassar

Emenda 101

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(b) li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għas-swieq, jappoġġawhom fl-indirizzar ta' sfidi globali u soċjetali u l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji, u jsaħħu t-tmexxija industrijali tal-Unjoni fil-ktajjen tal-valur globali, **inkluż in-Network Enterprise Europe**;*

*(b) li jiffaċilitaw l-aċċess **tal-mikrointrapriżi**, tal-SMEs u ta' **netwerks ta' intrapriżi** għas-swieq, **inklużi swieq barra l-Unjoni**, jappoġġawhom fl-indirizzar ta' sfidi globali, **ambjentali, ekonomiċi** u soċjetali u l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji, **jiffaċilitaw l-appoġġ tagħhom matul iċ-***

ċiklu tal-ħajja tagħhom u jsaħħu t-tmexxija *intraprenditorjali* u industrijali tal-Unjoni fil-ktajjen tal-valur globali;

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li jindirizzaw l-ostakli tas-swieq, *il-piż* amministrattiv u joħlqu ambjent tan-negozju favorevoli biex *jagħtu s-setgħa* lill-SMEs jibbenefikaw mis-suq intern;

Emenda

(c) li jindirizzaw l-ostakli tas-swieq, *inaqqsu l-piż* amministrattiv u *jnaqqsu l-ostakli biex titwaqqaf intrapriża u jinbeda negozju* u joħlqu ambjent tan-negozju favorevoli biex *jippermettu* lill-SMEs jibbenefikaw mis-suq intern, *inkluż aċċess għall-finanzi, u joffru gwida xierqa, skemi ta' mentoraġġ u coaching, kif ukoll servizzi għan-negozji msejsa fuq l-għarfien*;

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) li jiffaċilitaw *it-tkabbir tan-negozji*, inkluż *l-iżvilupp ta' hili*, u *t-trasformazzjoni* industrijali fis-setturi tal-manifattura u tas-servizzi;

Emenda

(d) li jiffaċilitaw *l-iżvilupp u t-tkabbir ta' negozji sostenibbli, iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*, inkluż *id-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-enerġija, jaġġornaw il-hili u l-kwalifiki tagħhom*, u *jiffaċilitaw mudelli ta' negozju ġodda u katini tal-valur effiċjenti fir-riżorsi li jrawmu trasformazzjoni industrijali, teknoloġika u organizzattiva sostenibbli* fis-setturi tal-manifattura u tas-servizzi;

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) li **jappoġġaw il-kompetittività** tal-intrapriżi u ta' setturi sħaħ tal-ekonomija, u li jappoġġaw ***tal-adozzjoni mill-SMEs tal-innovazzjoni*** u l-kollaborazzjoni fil-katina tal-valur permezz tal-konnessjoni strateġika tal-ekosistemi u r-raggruppamenti, inkluż l-inizjattiva tar-raggruppamenti konġunti;

Emenda

(e) li ***jsaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà*** tal-intrapriżi u ta' setturi sħaħ tal-ekonomija, u li jappoġġaw ***l-adozzjoni tal-innovazzjoni teknoloġika, organizzattiva u soċjali min-naħa tal-mikrointrapriżi u l-SMEs filwaqt li jtejbu r-responsabbiltà soċjali korporattiva*** u l-kollaborazzjoni fil-katina tal-valur permezz tal-konnessjoni strateġika tal-ekosistemi u r-raggruppamenti, inkluż l-inizjattiva tar-raggruppamenti konġunti;

Emenda 105

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) li jrawmu ambjent tan-negozju intraprenditorjali u kultura intraprenditorjali, ***inkluż*** l-iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda u li jappoġġaw lin-negozji li jkunu għadhom kemm jifthū, is-sostenibbiltà tan-negozju u n-negozji li jkunu jridu jespandu.

Emenda

(f) li jrawmu ambjent tan-negozju intraprenditorjali u kultura intraprenditorjali, ***iwessgħu*** l-iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda u li jappoġġaw lin-negozji li jkunu għadhom kemm jifthū, is-sostenibbiltà tan-negozju u n-negozji li jkunu jridu jespandu ***b'attenzjoni partikolari għal intraprendituri potenzjali ġodda (pereżempju ż-żghażaġh, in-nisa), kif ukoll gruppi fil-mira speċifiċi oħra, bħal gruppi soċjalment żvantaġġati jew vulnerabbli.***

Emenda 106

Proposta għal regolament

3a. Fl-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(b), il-Kummissjoni tista', minbarra l-azzjonijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (f) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tappoġġa l-azzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) taċċelera, tappoġġa u tespandi s-servizzi ta' konsulenza permezz tan-*Network Enterprise Europe* sabiex tipprovdi servizzi kummerċjali integrati permezz ta' servizz ta' appoġġ fl-*għamla* ta' *one-stop-shop* għall-SMEs tal-Unjoni li jkunu qed ifittxu li jesploraw opportunitajiet fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi, u twettaq monitoraġġ biex tara li dawn is-servizzi jkollhom livell komparabbli ta' kwalità fl-Istati Membri kollha;

(b) tappoġġa l-ħolqien ta' *netwerks* ta' *intrapriżi*;

(c) tappoġġa u tespandi l-programmi ta' *mobbiltà* għal *intraprendituri* ġodda ("*Erasmus għal Intraprendituri Żgħażaġħ*") sabiex ittejjeb il-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw l-*għarfien*, il-*hili* u l-*attitudnijiet* *intraprenditorjali* tagħhom u ttejjeb il-kapaċità *teknoloġika* u l-*maniġment* *intraprenditorjali* tagħhom;

(d) tappoġġa l-*espansjoni* tal-SMEs permezz ta' *proġetti* ta' *estensjoni* kummerċjali sinifikanti bbażati fuq opportunitajiet immexxija mis-suq (*strument* għall-*espansjoni* tal-SMEs);

(e) tappoġġa *attivitajiet* speċifiċi għas-*settur* f'oqsma kkaratterizzati minn *proporzjon* għoli ta' *intrapriżi* mikro u SMEs u *kontribut* kbir għall-PDG tal-Unjoni, bħas-*settur* tat-turiżmu.

Emenda 107

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. *L-azzjonijiet imwettqa permezz tan-
Netwerk Enterprise Europe msemija fil-
punt (a) tal-paragrafu 3a ta' dan l-
Artikolu jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn:*

*(a) il-faċilitazzjoni tal-
internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u l-
identifikazzjoni ta' sħab kummerċjali fis-
suq intern, il-kooperazzjoni kummerċjali
transfruntiera fir-R&Ż, is-sħubijiet ta'
trasferiment tat-teknoloġija, l-għarfien u
l-innovazzjoni;*

*(b) l-għoti ta' informazzjoni, gwida u
pariri personalizzati dwar id-dritt tal-
Unjoni, l-opportunitajiet ta' fondi u
finanzjament mill-Unjoni kif ukoll dwar l-
inizjattivi tal-Unjoni li jħallu impatt fuq
in-negozju, inklużi t-tassazzjoni, id-
drittijiet tal-proprjetà, l-obbligi relatati
mal-ambjent u mal-enerġija, ix-xogħol u
aspetti tas-sigurtà soċjali;*

*(c) il-faċilitazzjoni tal-aċċess tal-SMEs
għal għarfien espert dwar l-ambjent, il-
klima, l-effiċjenza fl-enerġija u l-
kompetenza;*

*(d) it-tishih tan-netwerk ma' netwerks
oħra ta' informazzjoni u konsulenza tal-
Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod
partikolari l-EURES, iċ-Ċentri ta'
Innovazzjoni tal-Unjoni u ċ-Ċentru ta'
Konsulenza InvestEU.*

*Is-servizzi mogħtija min-Netwerk f'isem
programmi oħra tal-Unjoni għandhom
ikunu ffinanzjati minn dawk il-
programmi.*

*Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorià
lill-azzjonijiet fin-Netwerk biex ittejjeb
partijiet jew elementi tiegħu li ma jkunux
konformi mal-istandard minimu sabiex
jingħata appoġġ omoġenu lill-intrapriżi*

mikro u lill-SMEs fl-Unjoni kollha.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu indikaturi u standards minimi bl-għan li jitkejjel l-impatt tan-Netwerk fir-rigward tal-objettivi speċifiċi u l-effikaċja tal-azzjonijiet għall-SMEs.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex tistabbilixxi forum addizzjonali ta' appoġġ għall-SMEs mhux previsti f'dan il-paragrafu.

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-azzjonijiet li ġejjin, li jimplimentaw l-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2)(d)(i), għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament:

(a) titjib fis-sensibilizzazzjoni u l-educazzjoni tal-konsumaturi permezz ta' edukazzjoni tul il-ħajja dwar id-drittijiet tal-konsumatur, u l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi biex jiffaċċjaw kwistjonijiet ġodda mqajma mill-iżvilupp teknoloġiku u d-diġitalizzazzjoni, inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi ta' konsumaturi vulnerabbli;

(b) aċċess garantit u faċli għal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, soluzzjoni ta' tilwim online u informazzjoni dwar il-possibiltajiet ta' rimedju għall-konsumaturi u n-negozjanti kollha;

(c) appoġġ għal infurzar aktar b'saħħtu tal-liġijiet tal-konsumatur, b'attenzjoni partikolari għal każijiet transfruntiera jew li jinvolvu partijiet terzi, koordinazzjoni u kooperazzjoni effikaċi bejn il-korpi nazzjonali tal-infurzar u kooperazzjoni fl-infurzar ma' pajjiżi terzi;

(d) it-trawwim ta' konsum sostenibbli billi jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi dwar id-durabbiltà u l-impatt ambjentali tal-prodotti, il-karatteristiċi tal-ekodisinn, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur f'dan ir-rigward u l-possibbiltà ta' rimedju f'każ ta' prodotti li ssirihom ħsara malajr;

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm **jistgħu** jipparteċipaw fl-azzjonijiet li ġejjin:

Emenda

Il-Kummissjoni tista' tippermetti lill-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhux assoċjat mal-Programm jipparteċipaw fl-azzjonijiet li ġejjin:

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-entitajiet li jipparteċipaw fl-azzjonijiet imsemmija fil-punti a) u b) ma għandhomx ikunu intitolati li jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni, ħliet meta jkun essenzjali għall-Programm, b'mod partikolari f'termini ta' kompetittività u aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-

Emenda

L-entitajiet li jipparteċipaw fl-azzjonijiet imsemmija fil-punti a) u b) ma għandhomx ikunu intitolati li jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni, **speċjalment meta jkun hemm riskju ta' trasferiment ta' teknoloġija innovattiva**, ħliet meta jkun essenzjali għall-Programm, b'mod

Unjoni jew f'termini ta' protezzjoni tal-konsumaturi residenti fl-Unjoni. Dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tapplika għall-entitajiet li għandhom skop ta' qligħ.

partikolari f'termini ta' kompetittività u aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni jew f'termini ta' protezzjoni tal-konsumaturi residenti fl-Unjoni. Dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tapplika għall-entitajiet li għandhom skop ta' qligħ.

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għall-azzjonijiet fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq li jimplementaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u fl-Artikolu 11 tal-[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha]⁹⁷;

⁹⁷ COM(2017)0795 final

Emenda

(a) għall-azzjonijiet fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq li jimplementaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a)(**ii**) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u fl-Artikolu 11 tal-[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha]^{97,97};

⁹⁷ COM(2017)0795 final

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għall-azzjonijiet fil-qasam tal-akkreditament **u s-sorveljanza tas-suq** li jimplementaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, il-korp rikonoxxut taħt l-Artikolu 14 tar-

Emenda

(b) għall-azzjonijiet fil-qasam tal-akkreditament li jimplementaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a)(**i**) ta' dan ir-Regolament, il-korp rikonoxxut taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE)

Regolament (KE) Nru 765/2008 biex iwettaq l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

Nru 765/2008 biex iwettaq l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

Emenda 113

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fir-rigward tal-punt (e) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex tadatta l-lista ta' entitajiet li jistgħu jingħataw għotja fil-qafas tal-Programm, għal azzjonijiet li jimplementaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(d)(i).

Emenda 114

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kumitat(i) ta' evalwazzjoni għall-azzjonijiet li jimplementaw l-oġettiv(i) speċifiku/speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2) jista'/jistgħu jkun(u) magħmul(in) kollu/kollha jew parzjalment minn esperti esterni.

Il-kumitat(i) ta' evalwazzjoni għall-azzjonijiet li jimplementaw l-oġettiv(i) speċifiku/speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2) jista'/jistgħu jkun(u) magħmul(in) kollu/kollha jew parzjalment minn esperti esterni. ***Il-ħidma tal-kumitat(i) ta' evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tat-trasparenza, it-trattament indaqs u n-nondiskriminazzjoni.***

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament b'referenza għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u b'referenza għall-faċilitajiet ta' ttestjar tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 20 tal-[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha], il-Programm jista' jiffinanzja sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli ta' azzjoni, sakemm il-prinċipju ta' kofinanzjament kif definit fir-Regolament Finanzjarju ma jinkisirx.

Emenda

1. Għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a)(**ii**) ta' dan ir-Regolament b'referenza għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u b'referenza għall-faċilitajiet ta' ttestjar tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 20 tal-[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha], il-Programm jista' jiffinanzja sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli ta' azzjoni, sakemm il-prinċipju ta' kofinanzjament kif definit fir-Regolament Finanzjarju ma jinkisirx.

Emenda 116

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus jew il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u l-Artikolu [8] jew ir-Regolament (UE) XX [Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], bil-kundizzjoni li t-tali azzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jkun qed jipprovdi l-appoġġ.

Emenda

jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus jew il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u l-Artikolu [8] jew ir-Regolament (UE) XX [Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], ***jew ir-Regolament (UE) XX [li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali] b'mod partikolari l-objettiv dwar il-Filiet Diġitali Avanzati***, bil-kundizzjoni li t-tali azzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jkun qed jipprovdi l-appoġġ.

Emenda 117

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programm(i) ta' ħidma msemmi(ja) fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.*

Emenda

1. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex tissupplimenta dan ir-Regolament bl-għan li tadotta l-programm(i) ta' ħidma msemmi(ja) fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom ikunu annwali jew pluriennali u għandhom, b'mod partikolari, jistabbilixxu l-oġettivi li għandhom jiġu segwiti, ir-riżultati mistennija, il-metodu ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament. Għandhom ukoll jistabbilixxu fid-dettall deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u kalendarju indikattiv għall-implimentazzjoni. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.*

Emenda 118

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. *Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta' ħidma li jimplementaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) kif stipulat fl-Anness I, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta'*

Emenda

2. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 u tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta programmi ta' ħidma skont l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) kif stipulat fl-Anness I.*

eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).

Emenda 119

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress tal-Programm *lejn il-kisba* tal-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2) huma stabbiliti fl-Anness IV.

Emenda

1. L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress *tal-effikaċja u l-effiċjenza* tal-Programm *fil-kisba* tal-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2) huma stabbiliti fl-Anness IV.

Emenda 120

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. *L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Programm.*

Emenda

2. *Mhux aktar tard minn ... [erba' snin wara li tibda l-implimentazzjoni tal-Programm], il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' evalwazzjoni interim tal-Programm dwar il-kisba tal-objettivi tal-azzjonijiet appoġġati minnu, ir-riżultati u l-impatti, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud li jgħib għall-Unjoni.*

Emenda 121

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. ***Fi*** tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, ***iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1***, għandha ***titwettaq*** evalwazzjoni finali tal-Programm ***mill-Kummissjoni***.

Emenda

5. ***Mhux*** aktar tard minn ***[tliet snin wara tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm]***, ***il-Kummissjoni*** għandha ***tfassal rapport ta' evalwazzjoni finali dwar l-impatt fit-tul tal-Programm, dwar ir-riżultati u s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet u dwar is-sinerġiji bejn il-programmi ta' ħidma differenti***.

Emenda 122

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kummissjoni għandha ***tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet***, akkumpanjati ***mill-osservazzjonijiet*** tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Emenda

6. Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 5***, akkumpanjati ***mill-konklużjonijiet*** tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni ***u tqegħidhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Jekk ikun xieraq, ir-rapporti għandhom ikunu akkumpanjati minn proposti li jimmodifikaw il-Programm***.

Emenda 123

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 9*** u 17 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-

Emenda

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 8(3b), 9, 10, 16*** u 17 għandha tingħata lill-Kummissjoni

Emenda 124**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. **Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħa** msemija fl-Artikoli 9 u 17 fi kwalunkwe **ħin**. Deċiżjoni **ta' revoka** għandha ttemm id-delega **tas-setgħat** speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. **Din għandu jibda jkollha effett** fil-jum wara **dak tal-pubblikazzjoni** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata **fiha**. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li **diġà** jkun fis-seħħ.

Emenda

3. **Id-delega ta' setgħa** msemija fl-Artikoli **8(3b), 9, 10, 16** u 17 **tista' tiġi revokata** fi kwalunkwe **mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill**. Deċiżjoni **li tirrevoka** għandha ttemm id-delega **ta' setgħa** speċifikata f'dik id-deċiżjoni. **Għandha ssir effettiva** fil-jum wara **l-pubblikazzjoni** tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata **fih**. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun **diġà** fis-seħħ.

Emenda 125**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 6***Test propost mill-Kummissjoni*

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 9 u 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk **la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjonaw għalih** fi żmien xahrejn **minn meta jkun ġew mgħarrfin bih** jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, **kemm** il-Parlament Ewropew u **kif ukoll il-Kunsill** ikunu **għarrfu** lill-Kummissjoni li mhumiex **se** joġġezzjonaw **għalih**. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli **8(3b), 9, 10, 16** u 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk **ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill** fi żmien xahrejn **min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill** jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u **l-Kunsill** ikunu **t-tnejn infurmaw** lill-Kummissjoni li mhumiex **sejrin** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna **mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali stabbilit mill-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹⁹. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira** tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁹⁹ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 01.02.2002, p. 1).

Emenda 127

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw **il-viżibbiltà** tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi **inklużi** lill-midja u lill-

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna **minn** kumitat **fis-sens** tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw **it-trasparenza u l-viżibbiltà** tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, **inkluż** lill-midja u lill-

pubbliku.

pubbliku.

Emenda 128

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u **ta'** komunikazzjoni **relatati mal-Programm, u mal-azzjonijiet** u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi **imsemmija** fl-Artikolu 3.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni **ta' natura sempliċi, sabiex tinsensibilizza lill-konsumaturi, iċ-ċittadini, in-negozji – speċjalment l-SMEs – u l-amministrazzjonijiet pubbliċi dwar ir-riżorsi pprovduti permezz tal-istrumenti finanzjarji ta' dan ir-Regolament, kif ukoll dwar l-azzjonijiet** u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-oġġettivi **msemmija** fl-Artikolu 3.

Emenda 129

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni (l-EUROSTAT) għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f), l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu meta dawn jirrigwardaw l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, b'konformità mal-prinċipji dwar l-istatistika kif stipulat fir-Regolament (KE)

Emenda

3. Il-Kummissjoni (l-EUROSTAT) għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f), l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu meta dawn jirrigwardaw **il-ġbir ta' data u** l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, b'konformità mal-prinċipji dwar l-istatistika kif stipulat fir-Regolament

Emenda 130**Proposta għal regolament****Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

(a) miżuri li jeqirdu **organiżmu ta' ħsara** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁵ jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

¹⁰⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemendat r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

Emenda

(a) miżuri li **jipprevjenu, irażżnu u/jew** jeqirdu **pest** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁵ jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

¹⁰⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemendat r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

Emenda 131**Proposta għal regolament****Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

(b) miżuri li jeqirdu **organiżmu ta' ħsara**, mhux elenkat bħala **organiżmu ta' ħsara** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru

Emenda

(b) miżuri li **jipprevjenu, irażżnu u/jew** jeqirdu **pest**, mhux elenkat bħala **pest** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont

skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika bħala **organiżmu ta' ħsara** ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika bħala **pest** ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

Emenda 132

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' **organiżmu ta' ħsara**, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri **ta' qerda** msemija **fil-punt (a) ta' dan il-punt u l-miżuri ta' trażżin imsemmija fil-punt (b)** ta' dan il-punt, meta dawk il-miżuri jkunu essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni **kontra** aktar tixrid ta' dak **l-organiżmu ta' ħsara**.

Emenda

(c) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' **pest**, kontra liema **jkunu** ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri msemija **fil-punti (a) u (b)** ta' dan il-punt, meta dawk il-miżuri jkunu essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni **minn** aktar tixrid ta' dak **il-pest, bir-restrizzjoni tal-moviment liberu tat-trasportaturi fl-Istati Membri tal-madwar, jekk ikun hemm bżonn**.

Emenda 133

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) miżuri biex jinqered pest li jitfaċċa f'salt, anki jekk ma jkunx ikkunsidrat pest ta' kwarantina tal-Unjoni iżda r-riżultat ta' avvenimenti klimatiċi estremi jew tibdil fil-klima fi Stat Membru;

Emenda 134

Proposta għal regolament

Annex I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.3 – punt 1.3.4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.3.4a. *Jekk ikun hemm suspett ta' tifqigħa ta' marda tal-annimali u/jew jitfaċċaw organiżmi li jagħmlu l-ħsara, dan ikun jirrikjedi verifiki u monitoraġġ ferm aktar intensivi fl-UE kollha, kemm fit-territorju u kemm fil-fruntieri esterni tagħha;*

Emenda 135

Proposta għal regolament

Annex I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.3 – punt 1.3.4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.3.4b. *Miżuri għall-monitoraġġ tad-dehra ta' mard u pesti magħrufa u mhux magħrufa fil-preżent.*

Emenda 136

Proposta għal regolament

Annex I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2.1. Programmi veterinarji u fitosanitarji annwali u pluriennali **għall-gerda**, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Annex III u **tal-organiżmi ta' ħsara** tal-pjanti jridu jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-dritt tal-Unjoni rilevanti.

2.1. Programmi veterinarji u fitosanitarji annwali u pluriennali **għall-prevenzjoni, il-gerda**, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Annex III u **tal-pesti** tal-pjanti jridu jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-dritt tal-Unjoni rilevanti.

Emenda 137

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawn il-programmi għandhom jirriflettu r-realtajiet ġodda kkawżati mit-tibdil fil-klima u d-diversità tagħhom fil-livell Ewropew; dawn għandhom jgħinu wkoll biex tiġi evitata l-erożjoni tal-bijodiversità Ewropea.

Emenda 138

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) miżuri li jeqirdu ***organiżmu ta' ħsara*** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

(c) miżuri li ***jipprevjenu, irażżnu jew*** jeqirdu ***pest*** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

Emenda 139

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) miżuri li jeqirdu ***organiżmu ta' ħsara***, mhux elenkat bħala ***organiżmu ta' ħsara*** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika

(d) miżuri li ***jipprevjenu, irażżnu jew*** jeqirdu ***pest***, mhux elenkat bħala ***pest*** ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika

bħala **organiżmu ta' ħsara** ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

bħala **pest** ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

Emenda 140

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' **organiżmu ta' ħsara**, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri **ta' qerda** msemija **fil-punt (c) ta' dan il-punt u l-miżuri ta' trażżin imsemija fil-punt (d)** ta' dan il-punt, meta dawk il-miżuri jkunu essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni **kontra** aktar tixrid ta' dak **l-organiżmu ta' ħsara**.

Emenda

(e) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' **pest**, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri msemija **fil-punti (c) u (d)** ta' dan il-punt, meta dawk il-miżuri jkunu essenzjali biex jipproteġu lill-Unjoni **minn** aktar tixrid ta' dak **il-pest**;

Emenda 141

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. **L-attivitajiet** ta' appoġġ għat-titjib tal-benessri tal-annimali.

Emenda

3. **Attivitajiet** ta' appoġġ għat-titjib tal-benessri tal-annimali, **inklużi miżuri sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tal-benessri tal-annimali u t-traċċabbiltà anki waqt it-trasport tal-annimali**.

Emenda 142

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Attivitajiet li jappoġġaw **produzzjoni**

Emenda

7. Attivitajiet li jappoġġaw **il-**

u konsum sostenibbli tal-ikel.

produzzjoni agroekoloġika, konsum sostenibbli tal-ikel, li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u lill-bijodiversità, u l-promozzjoni tal-bejgħ dirett u ktajjen tal-provvista qosra.

Emenda 143

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. ***Il-bażijiet tad-data u s-sistemi*** kompjuterizzati ta' ġestjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-leġislazzjoni relatata mal-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) u li għandhom valur miżjud mixhud bi prova għall-Unjoni kollha kemm hi.

Emenda

8. ***Databases u sistemi*** kompjuterizzati ta' ġestjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-leġislazzjoni relatata mal-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) u li għandhom valur miżjud mixhud bi prova għall-Unjoni kollha kemm hi; ***implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda biex titjieb it-traċċabbiltà tal-prodotti, bħall-kodiċi QR fuq l-imballaġġ tal-prodotti.***

Emenda 144

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. Xogħol tekniku u xjentifiku, inklużi studji u attivitajiet ta' koordinazzjoni, meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-leġislazzjoni fil-qasam relatat mal-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) u l-adattament ta' din il-leġislazzjoni għal żviluppi xjentifiċi, teknoloġiċi u soċjetali.

Emenda

11. Xogħol tekniku u xjentifiku, inklużi studji u attivitajiet ta' koordinazzjoni, meħtieġa biex ***jiġsalvagwardaw il-prevenzjoni tad-dehra ta' pesti u mard ġodda u mhux magħrufa u biex*** jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-leġislazzjoni fil-qasam relatat mal-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) u l-adattament ta' din il-leġislazzjoni għal żviluppi xjentifiċi, teknoloġiċi u soċjetali.

Emenda 145

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

14. **L-appoġġ** għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri bl-għan li jiġu żgurati produzzjoni u konsum tal-ikel imtejba, konformi u sostenibbli, **inkluż l-attivitajiet għall-prevenzjoni** tal-ħela tal-ikel u **l-frodi** alimentari, fl-implimentazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-oġġetti speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e).

Emenda

14. **Appoġġ** għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri bl-għan li jiġu żgurati produzzjoni u konsum tal-ikel imtejba, konformi u sostenibbli, **fosthom il-prevenzjoni** tal-ħela tal-ikel – **li tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari** – u **l-attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi** alimentari, fl-implimentazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-oġġetti speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e).

Emenda 146

Proposta għal regolament Anness II – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– il-kejl aħjar tal-kummerċ fis-servizzi, tal-investiment dirett barrani, tal-ktajjen ta' valur mondjali u tal-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-ekonomiji tal-Unjoni.

Emenda

– il-kejl aħjar tal-kummerċ **fl-oġġetti u** fis-servizzi, tal-investiment dirett barrani, tal-ktajjen ta' valur mondjali u tal-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-ekonomiji tal-Unjoni.

Emenda 147

Proposta għal regolament Anness II – inċiż 8

Test propost mill-Kummissjoni

– il-provvista ta' statistika ta' kwalità għolja, tempestiva u affidabbli għall-appoġġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u **Politika** tal-Ħiliet tal-Unjoni, **inkluż** statistika dwar is-suq tax-xogħol, l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-introjtu, il-kundizzjonijiet tal-għajxien, il-faqar, l-inugwaljanza, il-protezzjoni

Emenda

– il-provvista ta' statistika ta' kwalità għolja, tempestiva u affidabbli għall-appoġġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u **l-Politika** tal-Ħiliet tal-Unjoni, **li tinkludi – iżda mhux biss** – statistika dwar is-suq tax-xogħol, l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-introjtu, il-kundizzjonijiet tal-għajxien, il-faqar, l-inugwaljanza, il-

soċjali, ix-xogħol mhux iddikjarat u l-kontinjet satellita fuq il-ħiliet;

protezzjoni soċjali, ix-xogħol mhux iddikjarat u l-kontinjet satellita fuq il-ħiliet;

Emenda 148

Proposta għal regolament Anness III

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Lista ta' mard tal-annimali u żoonożi

Lista ta' mard tal-annimali u żoonożi

(1) *Il-marda Afrikana taż-żwiemel*

Il-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi tkopri:

(2) *Id-deni Afrikan tal-ħnieżer*

(a) *il-lista ta' mard imfassla skont il-Kapitolu 2 tal-Parti 1 tar-Regolament 2016/429;*

(3) *L-antraċe*

(b) *is-salmonella, iż-żoonożi u l-aġenti żoonotiċi koperti mir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u d-Direttiva 2003/99/KE;*

(4) *L-influenza avjarja (b'patoġeniċità għolja),*

(c) *l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli.*

(5) *L-influenza avjarja (b'patoġeniċità baxxa)*

(6) *Il-kampilobatterjożi*

(7) *Id-deni klassiku tal-ħnieżer*

(8) *Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer*

(9) *Il-plewroplewmonite li tittieħed fil-mogħoż*

(10) *Il-glanders*

(11) *L-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24),*

(12) *L-infezzjoni bil-Brucella abortus, bil-B. melitensis u bil-B. suis*

(13) *L-infezzjoni bil-virus tal-marda epiżootika tal-emorraġija*

(14) *L-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-inafjet fil-ġilda*

(15) *L-infezzjoni bil-Mycoplasma mycoides subsp. mycoides SC (plewropulmonite bovina li tittieħed),*

(16) *L-infezzjoni bil-kumpless tal-Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M. caprae u M. tuberculosis)*

(17) *L-infezzjoni bil-virus tal-marda Newcastle*

(18) *L-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti ż-żgħar*

(19) *L-infezzjoni bil-virus tar-rabja*

(20) *L-infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift*

(21) *L-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina*

(22) *L-infezzjoni bis-servorari tas-Salmonella żoonotika*

(23) *L-infestazzjoni bl-Echinococcus spp*

(24) *Il-listerjożi*

(25) *Il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż*

(26) *L-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli*

(27) *It-trikinelloži*

(28) *L-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela*

(29) *L-E. coli verotossiġeniku*

Emenda 149

Proposta għal regolament Anness IV – Indikaturi – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

<i>L-objettiv</i>	Indikatur
	1 - <i>L-għadd ta' lmenti u każijiet ġodda ta' nonkonformità fil-qasam tal-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi, kif ukoll il-leġislazzjoni tal-UE dwar l-akkwist</i>

L-obiettivi stabiliti fl-Artikolu 3(2)(a)	pubbliku. 2 - L-Indiċi tar-Restrittività għall-Kummerċ fis-Servizzi. 3 - L-għadd ta' żjarat fil-portal l-Ewropa Tiegħek. 4 - L-għadd ta' kampanji konġunti ta' sorveljanza tas-suq.
L-obiettivi stabiliti fl-Artikolu 3(2)(b)	1 - L-għadd ta' SMEs li qed jirċievu appoġġ 2 - L-għadd ta' kumpaniji appoġġati li kkonkludew sħubiji kummerċjali.
L-obiettivi stabiliti fl-Artikolu 3(2)(c) (i) (ii)	1 - Il-kondiviżjoni tal-implimentazzjoni ta' standards Ewropej bħala standards nazzjonali mill-Istati Membri f'ammont totali ta' standards Ewropej attivi. 2 - Il-perċentwal ta' standards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju u standards ta' awditjar approvati mill-Unjoni.
L-obiettivi stabiliti fl-Artikolu 3(2)(d) (i) (ii)	1 - L-Indiċi tal-kundizzjoni tal-konsumatur . 2 - L-għadd ta' dokumenti ta' pożizzjoni u tweġibiet għall-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji mill-benefiċjarji.
L-obiettivi stabiliti fl-Artikolu 3(2)(e)	1 - L-għadd ta' programmi nazzjonali veterinarji u fitosanitarji implimentati b'suċċess.
L-obiettivi stabiliti fl-Artikolu 3(2)(f)	1 - L-impatt tal-istatistika ppubblikata fuq l-internet: l-għadd ta' referenzi fuq il-web u opinjonijiet pożittivi/negattivi.

Emenda

Objettiv	Indikatur

<p>L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(a)(i)</p>	<p>1 - Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku.</p> <p>2 - L-Indiċi tar-Restrittività għall-Kummerċ fis-Servizzi.</p> <p>3 - L-għadd ta' żjarat fil-portal l-Ewropa Tiegħek.</p>
<p><i>L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(a)(ii)</i></p>	<p><i>1 - L-għadd ta' lmenti u każijiet ġodda ta' nonkonformità fil-qasam tal-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi u l-bejgħ online.</i></p> <p><i>2 - L-għadd ta' kampanji konġunti ta' sorveljanza tas-suq u sikurezza tal-prodotti.</i></p>
<p>L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(b)</p>	<p>1 - L-għadd ta' SMEs li qed jirċievu appoġġ <i>mill-programm u min-Netzwerk</i>.</p> <p>2 - L-għadd ta' kumpaniji appoġġati li kkonkludew <i>sħubijiet</i> kummerċjali.</p> <p><i>2a - L-għadd ta' imprendituri li jibbenefikaw minn skemi ta' mentoraġġ u mobbiltà.</i></p> <p><i>2b - It-tnaqqis fl-ispejjeż u l-ħin biex titwaqqaf SME.</i></p> <p><i>2c - L-għadd ta' netwerks ta' intrapriżi maħluqa meta mqabbel max-xenarju bażi.</i></p> <p><i>2d - L-għadd ta' Stati Membri li jużaw it-test tal-SME.</i></p> <p><i>2e - Iż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' Stati Membri b'one-stop-shop għan-negozji l-ġodda.</i></p> <p><i>2f - Iż-żieda fil-proporzjon ta' SMEs li jesportaw u iż-żieda fil-proporzjon ta' SMEs li jesportaw barra l-Unjoni meta mqabbel max-xenarju bażi.</i></p> <p><i>2g - Iż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' Stati Membri li jimplimentaw soluzzjonijiet intraprenditorjali li għandhom fil-mira tagħhom intraprendituri potenzjali, iżgħażaġh, ġodda u nisa, kif ukoll gruppi fil-mira speċifiċi oħra meta mqabbel max-xenarju bażi.</i></p> <p><i>2h - Iż-żieda fil-proporzjon taċ-ċittadini</i></p>

	<p><i>tal-Unjoni li jixtiequ jkunu impjegati għal rashom meta mqabbel mal-linja bażi.</i></p> <p><i>2i - Il-prestazzjoni tal-SMEs fir-rigward tas-sostenibbiltà li għandha titkejjel, fost l-oħrajn, miż-żieda fil-proporzjon tal-SMEs fl-Unjoni li jiżviluppaw prodotti u servizzi tal-ekonomija blu u prodotti u servizzi ekoloġiċi^{1a} u mit-titjib tagħhom fl-effiċjenza fir-riżorsi (li jistgħu jinkludu l-enerġija, il-materjal jew l-ilma, ir-riċiklaġġ, eċċ.) meta mqabbel max-xenarju bażi.</i></p>
L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(c)	
(i)	1 - Il-kondiviżjoni tal-implimentazzjoni ta' standards Ewropej bħala standards nazzjonali mill-Istati Membri f'ammont totali ta' standards Ewropej attivi.
(ii)	2 - Il-perċentwal ta' standards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju u standards ta' awditjar approvati mill-Unjoni.
L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(d)	
(i)	1 - L-Indiċi <i>tal-Kundizzjoni tal-Konsumatur.</i>
(ii)	2 - L-għadd ta' dokumenti ta' pożizzjoni u tweġibiet għall-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji mill-benefiċjarji.
L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(e)	
	1 - L-għadd ta' programmi nazzjonali veterinarji u fitosanitarji implimentati b'suċċess.
	<i>2 - L-għadd ta' emerġenzi kkawżati minn pesti riżolti b'suċċess;</i>
	<i>3 - L-għadd ta' emerġenzi kkawżati minn mard riżolti b'suċċess;</i>
L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(f)	
	1 - L-impatt tal-istatistika ppubblikata fuq l-internet: l-għadd ta' referenzi fuq il-web u opinjonijiet pożittivi/negattivi.

